# STORIA TAL INGLITERRA

Nru. 106

TAL COTBA TAL MOGHDIJA TAZ-ZMIEN

Jimbieh tlet soldi

MALTA · TAS-SLIEMA · 1911
STAMPERIA TA'S-SALESIANI

# Storia * * *
# tal Ingliterra

Mictuba gha't-tfâl minn
**ANNIBALE PRECA** *

**Nru. 106**

STAMPERIA TA'S-SALESIANI
MALTA, TAS-SLIEMA 1911

Proprietà Letteraria
ta
ALF. M. GALEA

## *Kabel xejn,*

*Semmejna chemm il darba li daun il* " *Cotba tal Mogħdija taz-Zmien* " *ix-xeuka tagħhom igħallmucom xiħaġa, billi fehmithom illi dan iż-żmien tgħaddugħ bla ma icun mitluf għalicom.*

*Id-dinja sabieħa. Uara li Alla ħalakha u ħalak colma fiha, x'ħin ra li collox seuua, ħalak il bniedem li chellu igħammarha. U il bnedmin còtru u għammru l'Art, u kassmuha bejniethom : u in-nies żdiedet u bdeu igħejru għall xulxin, colħadd irid sehem l'artijiet li ħaddieħor laħak ħadimhom kàblu, u in-nies bdiet tissielet ma xulxin u erħilhom mîn l'actar irażżan lil sieħbu. L'ihsma collha tal Art għandhom, mela, li* Storia *tagħhom, jigifieri li għadda minn għalihom in-nies li għammruhom u għaxu fihom.*

*Li* Storia ta Malta *intcom issa tafuha, b'is-saħħa ta's-sur Ġużè Muscat-Azzopardi illi fissrilcom bil malti dic li chiteb l'Imħallef P. De Bono* (in-Nru. 30 *u* 31 ta daun il " Cotba tal Mogħdija taz-Zmien " ).

*Li* Storia tal Ingliterra *naħsbucom tixtieku tafuha actar milli chiecu tal artijiet l'oħra, għax magħha għandna x'naksmu l'iżjed, mindu il Maltin chitbu lil Nelson jitlob l'is-Sultan tal Ingliterra jidħol għalina u*

*ighin'na nehilsu mill eghdeuua, bil fehma li mbaghd nibkghu taht it-trigrija ta's-sultan Ġiorġ* it-Tielet, *u dauc ta urajh. Bil ftehima ta Parigi ta's-sèna 1814 bejn Franza, l'Austrija, l'Ingliterra, ir-Russja u il Prussja, daun il Gżejjer taghna rtabtu mal Ingliterra, u Malta ngħakdet mal Ingliż, bhalma xtakna ahna u bhalma riedet l'Europa collha.*

*Jalla isehhilna il hsieb taghna li nictbu ghalicom li* Storia *tal Artijiet ta maduarna, u il fehma li ghandna l'insemmulcom fuk l'ibljiet taghhom, biex daun il* Cotba tal Moghdija taz-Zmien *icunu jisueulcom bosta actar, seuua lilcom chemm l'uliedcom. Sachemm Alla l'imbierec jislifna l'ghomor u is-sahha, ahna bil fehma li nibkghu dejjem nahdmu ghall gîd taghcom: intcom, iżda, nies ta's-snajja u ta'x-xoghol, atuna ucoll dakka t'îd, ghaliex ghalicom u ghall uliedcom nholku, u ghalicom bil hsieb jibkghu sejjrin il kuddiem. Mîn, mbaghd, ihobbcom tasseu u jifhem li daun il Cotba jistghu icunulcom ta gîd, nitolbuh li chiecu ighin'na, ghax is-setgha ta hafna nies jahdmu mghakkdin flimchien b'fehma uahda, setgha bil bosta akua milli chiecu ta hafna nies u colhadd jahdem gha'r-rasu.*

*Din li* Storia tal Ingliterra *cont fehsiebni nictibha jien, u cont lhakt ctibt sal facc: 13. Haun, imma, ukaft, ghaliex* sibt *li Annibale Preca chien chiteb uahda daks hamsa u ghoxrin sèna ilu, u bhalu ma nuassalx. Tlabt lil huh Anaclet, ragel li ghoddu lahak it-tmenin sèna, biex chiecu ihallini ngibha f'dauna il Cotba taghna; u hu, billi jâf chemm Annibale chien igibni u chemm conn'na haġa uahda (ghax chien surmast tieghi fi tfuliti), ghoġbu hallini naghmel l'irrid. Il ctieb tieghu, Preca semmieh* Ġrajja mill Istoria tal Ingliterra, *il ghaliex fih ġàbar*

*l'akua ħuejjeġ li ġrau f'dic l'art u li minnhom tistgħu titgħallmu.*

*"Issibu fih drauujiet tajjba, biex fukhom timxu: issibu drauujiet ħżiena x'taħarbu. U mbagħd, ġrajja ta ħniena li jimleulec kalbec bil għaxka. Chemm ħabircu l'Ingliżi, biex l'art tagħhom jagħmluha cbira u kauuija!" chif kalilhom hu l'it-tfâl li għalihom chiteb dan il Ctieb, minn Hal-Lia, Nhar il Migja ta Missierna San Paul f'Malta, ta's-sèna 1886.*

*Annibale Preca, Alla itih il Genna, chiteb bosta cotba oħra. Fost dauna il* "Cotba tal Mogħdija taz-Zmien" *għandcom tiegħu: in-Nru 1,* Dic Xorti! — *in-Nru. 3,* Kalbiena ghall Bahar — *in-Nru. 16,* Ctieb tal Geografia — *f'in-Nru. 20,* Tuissijiet — *f'in-Nru. 22,* Nibżgħu għall Saħħitna — *in-Nru. 24,* Storia tal Cnisja — *in-Nru. 27,* Id-Dinja bil Ħlejjak Tagħha — *f'in-Nru. 42,* Il Ħolkjen — *in-Nru 43,* Tifsir fuk il Cotba tal Bibbja; Poesii u Salm *u* Taħdita Bejn Tnejn — *in-Nru. 76,* Il Kampiena ta Leiljet il Miljed — *f'in-Nru. 82,* Cristu, Sultan tal Paci — *Barra minn daun, chiteb li* Storia tal Cnisja, *li* Storia Sacra *u* l'Imitazioni ta Cristu, *cotba li ma jintseu katt. Chiteb cotba b'it-taljan ucoll; fosthom:* Malta Cananea *u* Saggio intorno alla Lingua Maltese.

*Annibale Preca, Alla l'imbierec sejjaħlu għall mistrieħ ta dejjem l'20 ta Novembru 1901: lilna ħallielna daun it-tifchirjiet tiegħu.*

Tas-Sliema, L'Eunel ta's-Sèna 1911.

**Alf. M. Galea.**



**Annibale Preca**

1832-1901

# STORIA TAL INGLITERRA

## I. – Zmien ir-Rumani

Ġulju Cesri, general tisimgħu b'is-setgħa tiegħu, uara li ħàchem il Gallja *(Franza ta'l-lum)* għall taħt it-trigija ta Ruma, lemaħ fil bgħid minn fuk ix-xuieni tiegħu, ix-xtût il bojod tal Britannja (*l'Ingliterra chif nsejjhulha issa*); u billi hu samagħ l'irràba tagħha għammiel, l'art mogħniha bil barrieri ta'ż-żingu, u in-nies ta saħħa u dehen cbir, ħaseb u ra l'imur għall fukha, jagħmilha ta Ruma, u ir-rgiel ta hemm jingaġġahom suldati u iħallathom ma tiegħu.

Is-sèna ta uara, ħàbta ta dauc il ħamsa u ħamsin sèna kabel il Migja ta Cristu, Ġulju Cesri ħaffef u baħħar lejn l'Ingliterra, niżżel l'art in-nies tiegħu, silitha ma'n-nies ta hemm, u rażżanhom ; iżda, ħtieġlu jitħâbat bosta, għax dauc lakgħulu; u rèġa telak rebbieħ lejn Ruma.

Iddauuar sèn'oħra u rèġa lejn l'Ingliterra: din iddarba bakagħ dieħel ma'x-xmara it-Tejms *(Thames)* u uasal sa Londra fejn ltaka' ma's-sultan tal Brîtni ; u daun u ir-Rumani tkagħbdu u mbagħd damu is-snîn

jatu bejniethom, sachemm ir-Rumani ħadu pirġunier li's-sultan Caractacus u carcruh kuddiem l'imperatùr Claudju, li dac iż-żmien chien isaltan fuk id-dinja.

Hua u dieħel Ruma, Caractacus, hecc chif ra dac il gîd collu ta rħamijiet ta'd-djar, u il cnejjes u li statui, u il ġmiel ta dic il Belt, dâr lejn is-suldati u kalilhom: " Il għageb tiegħi chif nies li għandhom daun id-djar hecc sbieħ, marru katt igħejru għa'd-dakxejn ta għarix tiegħi fil Britannja! " L'imperatur Claudju, chif rah kuddiemu, daks chemm ngibed lejn dan is-sultan għa'd-dehen cbir li sâblu, ried li jieħilsuh mill ctajjen li bihom għabbeuh u dlonc bagħtu l'ura għand niesu.

*
* *

Iżda, haun nerġgħu l'ura dakxejn uaħda, u narau minn chienu daun niesu u minn mîn mnisslin. L'euuel nies li għammru f'dauc l'artijiet, chienu jatu kîma lil allât tal gebel; għalihom katgħu mill barrieri ċanguni daksiex bħall dauc tal Mnajdra u Ħaġar Kîm*. Il kassisin tagħhom chienu isejjhulhom druidi, u daun chienu igħallmuhom tlet ħuejjeġ, u il għageb tagħna mnejn kissbuhom: jigifieri, li jisimgħu mill allât tagħhom, li jingiebu bejniethom, u li fil għauġ ma jieħduhiex bi cbira.

---

* *L'akua fosthom li għâd bakagħ minnhom l'Ingliterra jisimhom "Stoneħenġ" jigifieri " gebel uekfin." Din tal gebel m'hux minsus bl'imterka għall kîma, nsibuh msemmi fil Cotba mkaddsa, fejn igħidu (Esodu, xx, 25): " Jecc tibnîli artal tal gebel, kîs li ma icunux b'gebljiet minġura, għaliex jecc tmisshom bil ħadid, l'artal mniggeż." Għaudex għandna il "Ħaġra il Uiekfa" u il Kâla il " Hàrga ta Sansun krîb il Ġgantija. "*

L'allât, chif lil Brîtni daħħluhielhom f'moħħhom, igħixu taħt is-siġar tal ballut; fuk hecc, bihom l'art tagħhom chienet dejjem tħaddar, għaliex ma ikadix iħallu il xi ħadd jaktagħhom. Darba f'sèna, arahom jingemgħu biex ifittxu il misiltô (ħaxixa li ticber ma zocc il ballut), u din jaktagħha b'mingel ta'd-deheb l'ixjeħ fost id-druidi, u mbagħd jagħmlu għors shiħ.

Mita jinkàla il mard fuk in-nies jeu il bhejjem, jeu jagħżlu rajjes ġdîd, jeu jitilku għall xi takbida, id-druidi, biex jinħabbu mal allât, imiddu idhom għall mingel u joktlulhom b'kîma xi pirġunieri jeu xi trabi, jeu jaħarkuhom ħajjin, bħallichiecu bil crîb ta dauc l'imsiechen iseu'u collox !

In-naħa ta fuk, dauc in-nies chienu ħorox għall aħhar. Il għàta tagħhom, jinżebgħu coħol b'ħaxixa (*in-nòd*, actarx *in-nîr*) ; djarhom, il għerjien; l'ichel tagħhom, il ġandar. In-naħa t'isfel, iżda, chienu jafu jibnu id-djar b'iz-zcûc u il ġummar u jicsuhom b'it-tajn għa'r-riħ u ix-xìta, u isejjsuhom bil gebel. L'iskfa, mbagħd, idauuruhom bħal kampiena ta'z-zoccor, u iħallu tokba għa'd-duħħan fil għoli, billi in-nâr chienu ichebbsuh fuk gebla f'nofs il kiegħa tal art. Chienu ixiddu sidrija u kliezet ta'x-xokka bi tberfil mżeuuak; u huietem f'subgħajhom u giżirani tal ħadid jeu tal bronz f'għonkhom. U dan ix-xogħol chienu jagħmlugħ b'idejhom, għax xuieni ma chellhomx u le katt ma baħhru. Għa'r-ràba chienu jinkalgħu seuua, u il kmuħ chienu jaħżnuhom f'ħofor maktugħin fil blât, nistħajjilhom bħal dauc li għâdhom jidhru xatt il baħar ta S. Giorġ ta Birżebbuġa. Chienu ucoll igħauuru iz-zcûc u johorġu minnhom xi żîr, u xi dgħajsa għa's-sajd.

Uħud minnhom il kassisin tagħhom, chienu ikabblu xi għanja u idokkuha fuk l'arpa ; fil guerer, chienu jissieħbu mal capijiet ; f'xi għors, cont dejjem issibhom l'euuel nies.

Fil guerer, il Brîtni chienu jieħdulec magħhom cherrettuni b'ir-roti mdauurin bl'imniegel, u ħażin għall mîn jiersak magenbhom.

* * *

Ir-Rumani chienu îlhom żmien l'Ingliterra, għâd li ta sicuit chellhom x'igħidu bejniethom, x'ħin darba uaħda il ħâchem ruman gieb ruħu ħażin ma's-sultana Boadisea, armla ta uieħed m'is-slaten brîtni li chien kâm għa'r-Rumani. Uakt li dan il ħâchem tbiegħed sa Mona biex jitkagħbad mal egħdeuua tiegħu, din Boadisea lekkgħet eluf ta nies minn tagħha, u telket magħhom taħarkilhom id-djar, u toktol chemm il Ruman tiltaka' miegħu. Il ħâchem, dlonc chif samagħ bl'aħbâr, mâr għall fukha b'in-nies tiegħu u rebaħha; u Boadisea, chif rât li bakgħet telliefa, xorbot is-semm u mietet.

* * *

Fl'aħħar ir-Rumani rażżnu l'Ingliterra fi żmien Ġulju Agricola, is-sèna 83 fuk il Migja ta Cristu. Dan chien ragel jinkàla u minn tagħna ġmielu. Il Brîtni tgħallmu bosta ħuejjeġ m'ir-Rumani, tgħallmu jibnu bil gebel minġurä, bil madun; tgħallmu itellgħu bliet sbieħ u cbar, u tïatri ; tgħallmu irauumu ir-ràba ta's-sakui u jaħdmu xakak aħjar ; u tgħallmu ucoll jilbsu bħalhom il ħaririjiet.

## II. – Il Ħáema ta's-Sassni

Hàbta ta's-sèna 305 A. D. *

L'insara bdeu joctru ġmielhom, u il fidi ta Sîdna Geżù daħlet fil Britannja, billi bosta suldati rumani chienu mgħammdin u bosta Brîtni tħajjru minnhom jiehdu il magħmudija. M'hux għageb jecc x'uħud fosthom daun l'euuel nsara brîtni mietu martri. Imma, l'euuel uieħed li jâfu bih, hu Sant Albanu, li isemmih il Ven. Bêda fli storia tal Ingliterra li chiteb hu.

L'imperatur ruman chien katagħha li chemm il kassis nisrani jinsâb fl'artijiet collha tiegħu, għall meut. Lejla uaħda, uakt li is-suldati chienu ifittxu il uieħed kassis, dan mâr talab lil għâni Albanu biex chiecu jistru. Albanu, għâd li pagan u minn nisel il cbarât, ħbieh f'daru gimgħa tnejn, għâd li chien jâf li kiegħed jissogra ħajjtu. Il kassis biex jurieh kalbu, għallmu it-tifsir nisrani u talab għalih lejl u nhar. Albanu, Alla l'imbierec ħabbu; u sâr nisrani. Għadda żmien bi żmien, u il ħâchem samagħ li Albanu chellu kassis moħbi f'daru. Talagħlu, bagħat għalih. Albanu libes il-lbies tal kassis; lilu ħarrbu, u hu bakagħ id-dâr jittenna jiġu għalih. X'ħin il għases marru ifittxuh, ħasbuh hu il kassis, u ħarrcu lilu kuddiem l'imħallef. Dan, billi chien jafu lil Albanu, ħadha bi cbira uisk u hedd'du bil meut chemm il darba ma jaħrakx il lubien lil idli *(allât foloż)*. Albanu stkârr minnufih li

---

* *Jigifieri* "*Anno Domini,*" l'ifisser *is-Séna ta's-Sid, biex niftiehmu li uara il Migja ta Cristu.*

hu nisrani, u ħaduh fuk għolja barra mill belt biex jaktgħulu rasu. Huma u sejjrin bih, ħtegilhom igħaddu minn fuk ħnejja dejjka ta fuk xmara li fukha ma setgħux imorru ħlief uieħed uieħed; Albanu, biex actar igħaġġlu, għax bil còtra ta nies li marru magħhom chienu sejjrin jiddauuru sa'l-lejl, talab l'Alla li ix-xmara tinxef; ix-xmara nixfet u in-nies għaddiet minn dic il mogħdija u bakgħu telgħin fuk il għolja. Il boja li chellu joktol lil Albanu, x'ħin ra dac il għageb, uaddab is-sejf fl'art, xteħed f'riglejn Albanu u stkarr ruħu nisrani hu ucoll. X'ħin uaslu fuk il kucciata tħaddar bil ħaxix u il uard, Albanu rèġa talab l'Alla, u mill art ħarget fauuara ilma, u il boja tgħammed; u katluhom li tnejn fejn il-lum il belt ta St. Albans.

* * *

Ir-Rumani chienu ìlhom maduar l'erba' mitt sèna fil Britannja; li Brîtni u ir-Rumani tlalltu ma xulxin u saru bħall ħaġa uaħda. Imma, billi dauc il Brîtni ixxiebħu bosta ucoll l'ir-Rumani f'dac li hi ħajja tal għażż u id-drauujiet il ħżiena, u l'actar kauuija fosthom ħajjruhom jibkgħu sejjrin magħhom Ruma bla ma ħalleuhom lil oħrajn iżommu l'armi, dauc li bakgħu fi djarhom nseu chif jilkgħulhom lil egħdeuua; u f'kasir żmien sabu ruħhom bla ħeġġa ta xejn, mifxulin u mitlufin m'id-dinja.

Issa x'sejjrin jagħmlu? Ruma ftit li xejn setgħet takbeż għalihom dic il ħàbta, għax l'egħdeuua daru għaliha bl'icrah; iżda, daks chemm talbuha bil ħniena, lakkgħet chemm setgħet m'in-nies tagħha, għabbiethom fuk ix-xuieni, u ħellsu il Brîtni mill jasar ta li Scotti u il Pitti, u reġgħu l'ura lejn Ruma, uara li bneulhom suar akua mill ta kàbel u għallmuhom

jahdmu l'armi, u telku il Britannja darba għall dejjem ħsieb ruħha. Reġgħu il Brîtni talbu l'għajnuua ta'r-Rumani, chitbulhom ittra tal ħniena, li bakgħet tissemma " *Il Carba tal Brîtni* ;" imma collox għalxejn : il Brîtni il bdieua reġgħu għall taħt il ħàcma tal Pitti u li Scotti, nies ta fuk il għoljiet.

* * *

Dac iż-żmien chien isaltan Custanz, eremit, għaliex Vortigern, uieħed mill cbarât, għall ħsebijiet ta moħħu, ftiehem mal oħrajn u bagħat ixiddlu il curuna ta sultan, u bagħatlu il għases pitti biex taparsi jieħdulu ħsiebu.

Arau, imma, x'għamel il ħali Vortigern ! X'ħin deherlu uasal il uakt, mâr isîb il għases ta Custanz ; u chif rahom ilcoll xurbanin, b'id-dmugħ f'għajnejh kalilhom li sejjer jitturufna ruħu, u jitlakhom, għax ma satagħx iżjed għall imgieba ħażina ta mîn chien isaltan fuk in-nies ta pajjiżu. Il għases emnuh, saħnu għall Custanz, u kalu bejniethom : " Għaliex ma noktlugħx lil dan is-sultan, u nitolbu il Vortigern isaltan fukna? " Arahom dlonc f'is-saħna ta demmhom jidħln jaktgħulu rasu, u jieħduha lil Vortigern. Dan għamel ta b'ir-ruħu nfexx jibchi u dlonc àmar l'in-nies tiegħu joktlu il Pitti collha, għaliex taparsi mgħolli għall meut ta Custanz, fil uakt li feraħ f'kalbu li laħak sultan hu ! Dan Vortigern xejn ma ħareġ ta ragel ; bèda ħażin u bakagħ sejjer għall agħâr; makkatha mal cbarât u tħabbeb mal egħdeuua tagħhom.

Li Scotti u il Pitti malajr niżlu għall fuk il Brîtni, għamlulhom ħsarât f'ir-ràba bla ħniena, ħarkulhom li djar, kàtlu bosta minnhom u ħâdu ilsiera chemm ma laħkux nħbeulhom jeu ħarbu fil Gallja.

# Ġrajja mill li Storia tal Ingliterra

(*Dan il ctieb chien mictub bil fonetcu; aħna ngibuh bħalma mdorrijin nictbuh il-lum u xi chelma l'haun u l'hinn biddilnieha ucoll, u drabi lħakna żidna xi feles*).

## I.

### X'chienet l'Ingliterra 100 sèna K. C.

Fost chemm artijiet haun f'id-dinja, Malta l'actar li għandha x'taksam mal Ingliterra. Meta misse-rijietna, fl'aħħar ta's-sêclu l'ieħor (1799), ħelsu mill Franciżi, għoġobhom jingħakdu mal Ingliterra; u magħha, Malta u Għaudex għaddeu il kuddiem. Jixrak, mela, li aħna il Maltin, uara li nitgħallmu li Storia ta Malta, ncunu nafu ucoll xi ġrajja mill li Storia Ingliża.

Dic il gżira, mela, m'hux dejjem chien jisimha Ingliterra, ankas dejjem chienet dacli hi il-lum. Safejn nafu, l'euuel isem tagħha, chien Britannja; u in-nies tagħha chienu jinsieħu il Brîtni. * Il Brîtni, mitt sèna K. C. ** u la chienu jilbsu bħal-lum, ankas chienu

---

* *Ir-Rumani, billi rauha tbajjad, marru kalgħuhielha* Albjun; *għax* alba, *b'il-lsien tagħhom ta dari, jigifieri* bajjda.

** *Jigifieri "Kabel il Migja ta Sidna Ġeżù Cristu,"* *bħalma* U. C. *jigifieri " Uara il Migja tiegħu."*

jitchellmu il-lsien ta'i-lum. Semmejt l'art: l'iġbla, il uidjien u ix-xmajjar li hemm il-lum, għâdhom li chienu mill bìdu ta'd-dinja; iżda, la cont tara torok, la vapur tal art, u la ràba maħdum, u la rħula, u ankas bliet. In-nies chienet tgħammar ġo dueirjiet mibnijin b'it-tajn, u tiggiera go'l boschijiet mudlama, miżgħudin bil lpûp u l'orsijiet, jimirħu f'uitât li katt ma nħartu, u iċafalsu f'għadajjar ta ilma kiegħed u collha hàmu.

Turġa, in-nies chienu tual u xakar, u għainejhom żorok, u xagħarhom tuil u safrani; imma, mill bkija, tista tgħid, chienu ħafna salvaggi. Bosta minnhom ma chienux ħlief jinsàtru ftit b'xi gild ta annimali; u biex actar ibeżżgħu lil egħdeuua, chienu jiżbgħu gildhom bufin leunijiet. Katiegħ minnhom, chienu jieclu il laħam tal annimali li jakbdu; oħrajn irabbu l'imrieħel u igħixu bi' ħalib u il laħam tagħhom; u ftit oħra ta'x-xtût, in-naħa ta nofs-inhar, chienu jiżirgħu xi ftit tal kamħ u jagħmlu xi dakxejn tal cummerċ ma xi nies barranin li jissograu jiersku lejn l'Ingliterra.

U, jaħasra għalihom! daun il Brîtni ma chienux jiemmnu *b'Alla ta's-seuua*: chienu jatu kîma l'ix-xemx u'l kamar u lil ħaxixa li timbet fuk il balluta (*jeu siġra tal ġandar*) l'igħidulha *misletoe* (*misiltô*). Il kassisin tagħhom, id-druidi, chienu igħallmuhom li uara meuthom, ruħhom tidħol fil gisem tal annimali; u li jecc iridu jagħmlu is-seuua u iferrħu l'allât tagħhom, għandhom jaħarku l'egħdeuua li jakgħu taħt idejhom.

## II.

### Chif ir-Rumani hadu l'Ingliterra

Xi 55 sèna K. C., għodua uaħda ta'r-rebbiegħa, dehru il ktajja il cbar ta Brîtni fuk il ħtiebi bojod ta Kent, iħârsu b'seba' għainejn lejn il baħar, in-naħa ta Franza, li dac iż-żmien chienu igħidulha il Gallja. M'ix-xeħta tagħhom, chienu jidhru li kegħdin iħejju ruħhom għall xi takbida. Lbies xejn, colħadd uiċċu u sìdru u dirgħajh miżbugħa ġdid, u b'ħaġa jeu oħra f'îdu. Mîn chellu ħatar oħxon u collu għokod, mîn lanez jeu vlegeġ b'ir-râs tal ħaġra ta'ż-żniet biex iuaddabhom għall egħdeuua ; u x'uħud minnhom chellhom sjuf tual bla misnuna u tarchi tal frieghi biex jilkgħu bihom. Il còtra il cbira chienu fuk sakajhom ; x'uħud, riecba fuk iż-żuiemel, oħrajn uekfin fuk carrijiet miġbuda minn żeuġ żuiemel. Daun il carrijiet chellhom m'ir-roti tagħhom ħergin bħal imniegel li fil gìri ikattgħu l'egħdeuua, chif il mingel jaħsad iż-żàra.

Tafu x'chien dac ? Dic il ħabta, ir-Rumani chienu jitkagħbdu mal Galli (*il Franciżi*) ; u chienet uaslet aħbâr ma xîni gejja minn Gallja li ir-Rumani gejjin biex jieħdu il Britannja. Dac iż-żmien, ir-Rumani chienu l'akua nies f'id-dinja u chienu irażżnu il colħadd taħt idejhom ; u ir-rajjes tagħhom, Ġulju Cesri, chien uieħed mill akua generali li dehru. Ġulju Cesri chien ragel mixrub u musfâr, u chellu mnieħru milui l'isfel.

Dlonc fuk din l'aħbâr, il Brîtni marru fil bogħod igħarrxu lejn il baħar u lemħu ħafna ntietex suued. Għall euuel ħasbuhom gauui; iżda, x'hin korbu, ntebħu li huma xuieni, mimlijin suldati rumani, u għarfuhom mill mirjuni u mill ġacchijiet jilmau f'ix-xemx.

Ix-xuieni reskin dejjem; u chienu għâdhom ma korbux ma'x-xatt, meta il Brîtni xteħtu mneżżgħin il baħar, igħajjtu u iuaddbu il vlegeġ tagħhom għall egħdeuua. Chif rauhom, ir-Rumani ma chellhomx ħîla jinżlu minn fuk ix-xuieni; imma, ħin bla uakt, uieħed minnhom ħàfen standard f'idejh, xteħet il baħar, u kâl lil sħabu: "*Isau għall urajja!*" Li standard ta Ruma chien ajcla ta'r-râm żgħira muaħħla fuk stuiel.

Ma din il għajta, sħabu collha kabżu il baħar, b'sejf kasir u mismun tajjeb f'îdhom, u mgħottijin b'tarca cbira, biex jistchennu mill vlegeġ. Ngħakdu flimchien u bdeu mexjin il geuua: il Brîtni ħadmu daks driebes; imma, x'setgħu jagħmlu ma'r-Rumani mharrgin u b'armi tajjba f'idejhom? Kabel ma għâbet ix-xemx, dac ix-xatt sàfa micsi bil mejtin u bil għaxjin, u il Brîtni sabu ruħhom mreccnin ġo'l bos-chijiet tagħhom.

Mreccnin iva, iżda le mirbuħa. Cesri rħielha b'ix-xuieni lejn il Gallja, règa gieb cotra icbar ta nies; u mchemm gieb lil Brîtni taħt idejh, ħtieġlu jitkagħ-bad magħhom bosta drabi oħra.

## III.

### Is-Sultan Karadoc

Cesri, rażżan il Brîtni, u telak għall Ruma. Għaddeu xi mitt sèna bla taħbit: imma, uara il mitt sèna, ir-Rumani reġgħu marrulhom u reġgħu bdeu jatu fukhom ħabta ta's-sèna 43 U. C.

Dac iż-żmien, chien hemm uieħed sultan brîtnu jismu Karadoc li ir-Rumani chienu igħidulu Caractacus. Chien ragel kalbieni uisk; imma, fuk collox, iħobb art tuelidu. Ir-Rumani dic il ħabta chienu għâdhom m'hux nsara; Karadoc actarx li chien, għax sa minn żmienu chienu marru fil Britannja il kassisin ixandru il ligi ta Cristu. Karadoc dâm disa' snîn iżommilhom jiebes l'ir-Rumani; fl'aħħar għafsugħ u ħtieġlu b'in-nies tiegħu jidħol il geuua fuk għoljiet ta lejn il punent.

Karadoc, ftit nies chien bakagħlu. Darba uaħda, chif chienu kegħdin fuk ħotba li għâdhom sa'l-lum igħidulha Caer Caradoc (*il camp ta Karadoc*) fi Shropshire, jilmħu gejjin mal uied il ktajja cbar ta Rumani. Karadoc, ġàbar in-nies tiegħu uara il ħitan, u kallhom: " L'aħua, naħsbu għall djarna u għall art tagħna; nċarċru sal aħħar kàtra demm biex ma nakgħux ilsiera ta ħadd; kauueu klubcom! "

Uaslu ir-Rumani, għaddeu ix-xmara u girja uaħda telgħu mal għolja. Il Brîtni bdeu iuaddbu fukhom il vlegeġ tagħhom; imma is-suldati rumani għamlu sakaf ta'r-râm b'it-tarchi tagħhom; u fuku dan is-sakaf, il

vlegeġ jiżolku u jibkgħu sejjra. Il-takbida saret meta geu râs mb'râs ; imma x'takbida ? Is-sjuf tal Brîtni xejn ma sueu fuk il ġacchijiet ta'r-râm ta'r-Rumani ; u ir-Rumani jinfdu il Brîtni mneżżgħa b'dauc is-sjuf togħhom misnuna, u imidduhom.

Ir-Rumani rebħu, u chif riddtuhom ma jirbħux ? Kabdu taħt idejhom il Karadoc, il martu u il bintu, u hduhom bħala lsiera Ruma, biex idauuruhom mal belt u juruhom kabel ma joktluhom: għax hecc chienu jagħmlu ir-Rumani meta jieħdu taħt idejhom xi rajjes minn tal egħdeuua tagħhom. Miegħu ħadu ucoll ħafna ilsiera oħra. It-torok ta Ruma ntleu b'in-nies, collhom għainejn biex jarau il Karadoc, għax colħad chien smagħ b'dan ir-ragel tuil, għainejh żorok, sìdru mgħotti b'ix-xagħar tal leħja u tal mustacci tiegħu, li chien dâm disa' snìn iħabbat l'ir-Rumani u nakkielhom l'aħjar suldati. Karadoc chien jâf li sejjer għall meut ; imma, le tbecca. Meta ra dauc il cnejjes ta'rħam u dauc id-djar il ġmiel tagħhom, ħargitlu : "Ir-Rumani, daks chemm għandhom gîd u ġmiel, mill għorfa li għandi fil Britannja giethom għejra ? "

F'nofs ta uitja tuakkaf trôn u fuku talagħ is-sultan Claudju ; u kuddiemu resskulu il-lsiera, idejhom marbutin bil ctajjen. L'imsejcnin ilcoll bdeu jierfgħu idejhom il fuk, u jibcu jitolbu ħniena, barra minn Karadoc. Dan, bħalchiecu m'hux hu, bìża ta xejn, ulècu minn kuddiem, għainejh merfugħa, uakaf sieħet kuddiem is-sultan. Claudju, x'ħin rah gieb ruħu hecc ta ragel, ħafer lilu, lil martu u lil bintu, neħħeulu il ctajjen mn'idejh u bagħtu l'ura Britannja.

Dil ħabta li Karadoc chien Ruma, nzerta hemm ucoll San Paul. X'uħud igħidu li Braw (*Brô*), missier

Karadoc, chien jinsâb hemm hua ucoll, u żammeuh seba' snîn uara ibnu, bħala rahan ; dan sâr nisrani, u meta règa mâr f'pajjiżu, bèda ixandar it-tgħalim ta Sîdna Geżù Cristu. Hu chif inhu, il ligi nisranija daħlet geuua il Britannja ma'r-Rumani. L'euuel martri ingliż, Sant Albanu, miet f'is-sèna 305, fi żmien il chiefer Dioclezianu.

Sentejn uara, Custanz, il ħâchem ruman fil Britannja, laħak sultan ta Ruma, u bèda hu ucoll jaħkar l'insara. Martu chienet Santa Liena, actarx ingliża. Binhom, il cbir Custantinu, chellu icun l'euuel sultan nisrani.

## IV.

### L'Inglizi jiehdu il Brittannja.

Il Britannja damet ftit ankas minn 400 sèna taħt il ħàcma ta'r-Rumani. Il Brîtni ma bakgħux grixtin chif chienu ; m'ir-Rumani, tgħallmu jaħdmu l'art, jibnu id-djar, jagħżlu u jinsġu, u jagħmlu elf ħaġa oħra. Fuk collox, iżda, nfatmu mill allât karrieka tagħhom u ħhajjru isiru nsara.

Giè żmien, iżda, li ir-Rumani chellhom jitilku il Britannja, għax nkelgħulhom egħdeuua ġodda. Il Brîtni ħabtu ħażin, għax chienu ntelku u saru uisk bla ħeġġa. Minn naħa ta't-tramuntana, niżlu għall fukhom li Scotti, jisirkulhom tgħâm u bhejjem, iħarbtulhom colma isibu u jirrunzjauhom ġo'l boschijiet. Minn naħa ta nofs-inhar, bdeu ucoll jonkruhom u

jisirkuhom nies oħra, ħallelin kalila ta fuk il baħar, gejjin mill Ġutland (*li illum tinsieħ Danimarca*) u m'ix-xtût tal Germanja, u minn maduar l'Elba u ir-Renu. Il Brîtni tauhom l'isem ta Sassni ; imma, il bicca il cbira tagħhom chellhom l'isem ta Angli (*jigifieri Ingliżi*), għax minnhom tnisslu l'Ingliżi. Daun l'Angli chienu nies tual, kalbiena u jifilħu, u xagħarhom u il lehja tagħhom chienu żbûl id-deheb. Mal ħbieb tagħhom, ħobż u sicchina; mal egħdeuua, kalbhom chiefra.

Għodua uaħda, li Scotti ħakruhom uisk lil Brîtni. Is-sultan ta daun, uaslitlu li dehru krîb l'art tlet xuieni mgħobbijin bi guerrieri ingliżi, bl'elmi ta'n-nugħal u libsin malji tal ħadid ; u bagħat igħidilhom li jecc imorru igħinugħ biex iuarrab li Scotti, itiehom kasam f'Kent biex igħammru fih. Din għoġbithom lil capijiet tagħhom, Ħengist u Ħorsa. Nizżlu in-nies tagħhom, ħarbtu li Scotti, u bakgħu f'Kent għall collox.

Imma, x'inhu ? il Brîtni ħelsu mill miżjeb u ueħlu fil kattara. L'Angli għoġbithom il Britannja ; bdeu, mela, joktlu il Brîtni, ħadu Kent collha u għamlu il Hengist sultan tagħhom. Ma'ż-żmien, geu ktajja oħra ta Angli, ħadu artijiet oħra, u checceu il Brîtni fuk il għoljiet tal punent fejn għâdhom sa'l-lum. Tauhom minfuk il lakam ta Uelx, li b'il-lsien tagħhom ifisser *barranin ;* u l'art fejn nġàbru, l'isem ta Wales (*Uejls*). Daun l'ismijiet għâdhom sa'l-lum. Żmien mitt sèna, l'Angli ġiebu taħt idejhom l'art collha, u semmeuha Angle-Land jeu England, jigifieri *Art l'Angli.* Aħna, minn ħaun il kuddiem, nsemmuhom Ingliżi ; u l'art tagħhom, Ingliterra. Mal Uelx jeu Brîtni, ftit iżjed icollna x'naksmu.

## V.

### L'Inglizi isiru Nsara

Daun l'Ingliżi ma chenux jiemnu f'Alla ta's-seuua. Chienu jatu kîma l'ix-xemx, lil kamar u lil ħuejjeġ bħal daun. Uieħed mill allât tagħhom chien jismu Tôr, àlla ta'r-ragħad: chienu igħidu li meta jati dakka fuk l'incuina, tagħmel ragħda. Chellhom ieħor jismu Uodin, àlla tal guerra, u għalihom li missier is-slaten tagħhom. Il ligi tagħhom chienet chiefra uisk. Chienu igħidu li il genna ma imurx ħlief mîn imut f 'xi taktiegħa; u li mîn imur il genna, jixxiegħel, jiecol laħam tal ors u jixrob birra chemm irid.

Imma, Alla l'imbierec ħenn għalihom daun innies hecc għomi. L'Ingliterra, f'da'ż-żmien li kegħdin nsemmu, chienet mkassma f'seba' ishma, u coll uieħed b'is-sultan tiegħu. Issa, daun is-slaten chienu dejjem għandhom x'għidu ma xulxin, dejjem jatu bejnniethom. Mîn chien jaka' taħt idejhom, iżommuh ilsir, u actarx li chienu ibiegħugħ bħala ilsir lil nies li jiġu mill bgħid jixtru daun il-lsiera.

Darba uaħda, nxtrau xi żagħżagħ ingliżi u'ttieħdu Ruma f'sûk fejn chienu jinbiegħu daun lsiera. Nzerta għadda minn kuddiemhom kassis, ruħ tajjba, jismu Ghirgor; dan uakaf iħares lejhom. X'ħin rahom hecc ħeluin, uiċċ ta tuffieħa, għainejhom żorok, ngibed lejhom, gietu ħniena minnhom u staksa għalihom. Xi ħadd uieġbu: " Daun Angli. " Ghirgor kabeż kâl : " Jixirkilhom icunu anġli, għax uiċċhom ta anġli." Rèġa stak-

ta mnejn gebuhom ; u meta semmeulu li minn Dejra fl'Ingliterra, uegibhom: “ Tajjeb ; tajjeb, Alla għâd jeħlishom mill killa tiegħu!” (għax, bil latin, *de ira* jigifieri *mill killa*; u ir-Rumani chienu jitchellmu b'il-latin). “U x'jismu is-sultan ta hemm?” staksa mbagħd Għirgħor. “ Ella ! ” ueġbuh. Mal chelma, dac il kassis kâl: “Iva, Alla għâd icun mfaħħar hemm bl'*Alleluja*.*

Għadda żmien bi żmien, u dan il kassis sâr Papa. L'Ingliżi katt ma ħarġulu minn moħħu. Sama' ftit uara, li is-sultan ta Kent chien iżżeuueġ xbejba nisra-nija, jisimha Berta, u kâl: “ Issa il uakt! ” u bagħat uieħed patri jismu Uistin ma erbgħin oħra sħabu biex ixandru il ligi ta Cristu lil Ingliżi. Dan, f'is-sèna 596.

Uistin u il patrijiet l'oħra, chif uaslu Kent, bagħ-tu iħabbru b'dil maura tagħhom l'is-sultan Etelbertu. Dan bagħat igħidilhom: “ Ejjeu għall xogħolcom; dac li fi ħsiebcom tgħiduli, nisimgħu ; imma, ġo dari ma ndaħħalcomx, għax nibża li tagħmluli xi seħer. ” Tuakkaf trôn taħt siġra tal ġandar; u fuku mâr kagħad Etelbertu jistenniehom. Il patrijiet telgħu tnejn tnejn pircissioni, kuddiemhom miexi uieħed b'salib tal fidda u ieħor bi standard b'ix-xbieha ta Gezù Cristu; u ilcoll icantau.

Meta Etelbertu sama'it-tagħlim tagħhom fuk li Alla uieħed fi tlet persuni, Alla minn dejjem u tal ħniena, ħalliek ta collox, Missier colħadd; u Geżù Cristu Ibnu,

---

* *Bil Lhudi, din il chelma tista tfisser* Għannîlu Ja, *għannîlu lil* Ja, *jeu* Jehovah, *uieħed mill ismijiet ta Alla fil ligi il Kadima.*— Ella, *b'is-samaritan jigifieri Alla, chif darba krajt fi ctieb.* (A. M. G.)

Alla u Bniedem u Feddej tal bniedmin collha, is-sultan uegibhom: "Isimgħu, cliemcom sabieħ; tuiegħdu ħuejjeġ sbieħ; imma, minn għalija, ma nitlakhomx l'allât ta misserijieti. Ibkgħu haun u għallmu; x'tieclu naticom, u fejn tokogħdu ucoll; u jecc xiħadd jitħajjar jiemmen chif temmnu intom, nħallih." Ara chemm kabilha magħhom, li tahom jokogħdu f'id-dejr tiegħu; u huma bneu cnisja ma genbu, fejn il-lum il catidral ta Canterbury.

In-nies ngibdet lejn il patrijiet u it-tagħlim tagħhom, u ma għaddiex żmien uisk, li Etelbertu sâr nisrani, hu in-nies collha tiegħu. Il fidi, minn Kent ixerrdet; ara chemm, li mitt sèna uara il maura ta Santu Uistin, l'Ingliterra collha sefgħet nisranija; u hecc seħħ il cliem tal mkaddes Ghirgor.

## VI.

### Is-Sultan Fredu il Cbîr

Fost is-slaten tal Ingliterra, l'egħref, l'itieb, u l'icbar, chien Fredu il Cbîr, bin is-sultan Eteluulf u martu Osburga. Tuieled is-sèna 871.

Dac iż-żmien, xejn ma chienu ifittxu li jitgħallmu jakrau u jictbu. Lil Fredu għallmuh jircheb u iuaddab il vlegeġ u idur għall caccia tal annimali, kabel xejn ma għallmuh jicteb. Ommu chellha ctieb sabieħ

tal għâna ngliż, u drabi chienet takralu xi għanja jeu tnejn. Darba uaħda, ġàbret l'uliedha maduarha, u kratilhom f'dan il ctieb, u it-tfâl ferħu. Kaltilhom: " Mîn l'euuel uieħed jitgħallem jakra dal ctieb, natihulu. Arau chemm fih stampi u ittri ħomor u b'id-deheb, u għasafar! Issa narau mîn jieħdu!" — " Iva, ma; tasseu tatihulu mîn jitgħallem?" kabeż kâl Fredu, li chien l'iżgħar fosthom. "Iva, ibni, natihulu!" uieġbitu ommu. Minn dac il ħin, Fredu ħàbrec fettex il mîn igħallmu; u akra u gîb mîn jakra, f'kasir żmien tgħallem u rebaħ il ctieb.

Fredu chien jâf chemm jisua it-tagħlim, u chien ucoll kalbu ħanina mal fokra. Għalchemm bin is-sultan, cont tarah isiblec xi tifel fkajjar u igħallmu jakra.

Din il ħàbta, nkalgħu nies li jaħkru uisk l'Ingliżi. Dann in-nies chienu id-Daniżi (m'id-Danimarca), furbani u chefrin uisk. Ma chenux nsara, u fuk hecc chienu jobogħduhom actar lil Ingliżi u iħarbtulhom u jaħarkulhom il cnejjes tagħhom. Għall euuel bdeu jinzlu f'xi xtajta muarrba, jisirku l'isibu, bhejjem u ućuħ ta'r-ràba, u jierġgħu l'ura mnejn geu. Iżda, ma'ż-żmien bdeu imorru ktajja ktajja, ichećću in-nies minn djarhom, jokogħdu fihom huma, u jieħdulhom ir-ràba tagħhom. Ara chemm, li meta Fredu laħak sultan, id-Daniżi chienu għammru in-naħa tal lvant u ta't-tramuntana tal Ingliterra, u bdeu jarau ucoll chif jaħcmu collox huma.

Fredu, uara tminn snîn taħbit, ħtieġlu jitlak, jaħrab u iħalli is-saltna. Biddel il-lbiesu u daħal ma uieħed jiragħlu il bakar, bla ma xejn urieh mîn hu. Għodua uaħda, uakt li chien jiecol chisra fil bieb

tal mgħallem, resak fkajjar lejh u talbu lokma. Fredu ħenn għalih, tah nofs ħobża. Filgħaxjia Fredu rakad; fil ħolm deherlu xuejjaħ sabieħ: " Tagħrafni? " staksih. Fredu uieġbu: " Jidhirli dalgħôdu rajt ragel jixbħec. " Dac kallu: " Lili, lili, ibni, tajtha il chisra ħobż dalgħôdu; Alla bagħatni, u Alla iħallsec! Inti tirbaħħom l'egħdeuua tiegħec. Itma f'Alla u kauui kalbec!" U ħallieh.

U chemm bâta l'imsejchen Fredu! U chemm ħakritu mart l'imgħallem! Darba uaħda, kabbditu jixui il ftajjar. Dan chien midhi iseuui biċċa armi, għax chien bèda iħejji ruħu għa'd-Daniżi; bil fixla, nħarkitlu ftira, għax ma kallibhiex. Meta mart l'imgħallem sabet il ftira maħruka, daret daura għalih, tgħajjru mill agħâr: "Mûr għażżien; inti tajjeb biex tekolhom il ftajjar, u le biex tixuihom! " u cliem jiebsin bħal daun. Fredu ħa collox għall Alla, u baka' ma l'imgħallem: imma, moħħu dejjem chif jaħchem u irażżan id-Daniżi.

Darba uaħda mâr sabu uieħed mill akua ħbieb tiegħu, u kallu: " Gibtlec aħbâr tajjba: id-Daniżi ħabtu jinżlu l'art in-naħa tal punent; iżda, in-nies tagħna tauhom xebgħa għall meut, u ħaduhulhom li standard tagħhom ta'ċ-*Ċaula is-Seuda.* "

Dan li standard chien uisk nsemmi u bil bosta għażiż għand id-Daniżi, għaliex chienu igħidu li fih is-sħarijiet. Chienet ħadmitu bint is-sultan tagħhom; u chellhom f'moħħhom li m'ix-xeħta ta ġuienħajn iċ-ċaula, icunu jafu jecc għandhom jirbħu jeu jibkgħu tellefin. Nħallicom taħsbu, mela, chemm għleu meta tilfu dan li standard, u chemm l'Ingliżi ħadu ir-riħ fukhom.

Dakshecc ieħor kauua kalbu Fredu. Kâl: " Uas-let, bil għajnuna t'Alla, is-siegħa li kalli l'imkaddes Cutbertu! " Libes ta għannej, ħa l'arpa miegħu u mal lejl daħal sicsnijiet kalb id-Daniżi. Fredu, l'arpa ghien idokkha tajjeb uisk; u meta Gothrun u in-nies tiegħu semgħugħ, tgħaxxeu bil bosta, u kabbdugħ idokkha uakt li huma igħannu, jixorbu u jitfarrġu.

Iżda, Fredu ma tbellehx: kagħad jitchixxef u jissamma'. Ttet ijiem iddauuar kalbhom, u igħoddhom u jara fejn huma kauuijin u fejn m'humiex. Meta għaraf dac li ried, ħadd ma żied rah; règa nġàbar fil moħba ta dari, u bagħat igħid l'in-nies tiegħu fejn u meta għandhom jingemgħu. Ltakgħu, rħeulha għall fuk id-Daniżi u saret taktiegħa cbira f'Etendûn, li il-lum igħidulha Edington, f'Wilshire. Haun id-Daniżi tellieħa, talbu il maħfra.

Fredu uegibhom: " Il maħfra ntiehelcom u nagħ-mel ħbieb magħcom; imma, isimgħu x'irrid minncom; li ħarrbu mill punent u tmorru tokogħdu għall xogħl-com lejn il-lvant, issiru nsara u tcunu f'collox bħall Inglizi l'oħra. " Cliemu seħħ: Gothrun tgħammed u Fredu għamillu ta parrin. Ġàbar il niesu, mâr lejn il-lvant u lil Fredu żammu dejjem bħala sultan tiegħu u sid tiegħu, u hecc baka' sal meut.

Fredu għaddieha uisk il kuddiem l'Ingliterra, seu-ua f'it-tagħlim, seuua ucoll f'is-snajja. Mgħallmin ma għollux; bagħat iġîb minn artijieto ħra. Hu mill euuel ntebaħ li il kauua tal Ingliterra għandha tcun fuk il baħar; fuk hecc, bèda jibni xi ġfien u dejjem iżîd. Minn hemm il haun, l'Ingliterra bakgħet għaddejja il kuddiem fuk il baħar, u fuk il baħar saret l'akua mahda, ma jirbaħħa ħadd chif għâdha sa'l-lum.

## VII.

### Id-Danizi

Dic il mitt sèna uara Fredu, laħak sultan tal Ingliterra Ethelredu, ragel għażżien u bla ħeġġa; u fuk hecc kalgħuhielu l'*Artab*. U chien ucoll jibża minn dellu: ara chemm, li meta id-Daniżi chienu jidħlulu fl'artijiet tiegħu jisirku, chien bilġri jatihom xi ħaġa tal flûs biex jieħles minnhom. Billi katt ma lakgħilhom, huma bakgħu dejjem jaħkru l'Ingliżi.

Imma, darba fitillu jagħmilha ta ragel. Id-Daniżi ta kàbel, chienu saru bħall Ingliżi, mîn jaħdem ir-ràba, mîn sajjêd, u mîn sengħa oħra. " Daun iħallsu il laħam ! " kâl Ethelredu : u bagħat igħid bil moħbi lil Ingliżi li sbieħ it-13 ta novembru (chienet is-sêna 1002) ikumu għalihom u joktluhom. Jaħasra, x'chefrija! Chemm Daniżi sabu, ilcoll katluhom: mîn f'kiegħ ta sodda, mîn chien jaħrat, mîn f'it-trekât, mîn fil ħanut ; u saħansitra fuk it-taraġ tal artal !

Fost daun l'imsejcnin, chienet tinsâb Gunhilda, li oħt Svejn, sultan ta'd-Danimarca. Xejn ma suielha : rât il meut ta żeuġha u ta uliedha ; u lil dauc li resku għall fukha, laħket kaltilhom : " Ma ħija għandcom x'taksmu ! Jitħallas, tibżgħux, ja chefrin ! " U ruħha ħarget.

U hecc chien. Meta is-sultan Svejn sama' bil meut ta oħtu Gunhilda, ħalef l'iuakka lil Ethelredu u joħodlu is-saltna. Telak bi flotta kauuija u b'cotra ta nies u niżel l'Ingliterra, u tħallas : tlet snîn dâm jaħ-

rak u joktol chemm nies u ħuejjeġ geu taħt idejh; u la baka' rħula u ankas cnejjes; tħarbita bħall dic, ma saret katt.

Issa, dan Svejn chellu ibnu kalbieni uisk, jismu Kanût; u Ethelredu ucoll chellu ibnu jiflaħ u ma jibża minn ħadd, jismu Edmondu, u fuk hecc kalgħuhielu *Hajt-Hadid*. Ethelredu chien ħarab, u haun bèda il ġlied bejn Edmondu u Kanût fuk mîn minnhom imissu ta sultan. In-nies ta lejn il punent (id-Daniżi) żammeu ma Kanût; u dauc ta lejn il-lvant (l'Ingliżi), ma *Hajt-Hadid*. Dan, uara ftit mjet, u l'Ingliterra collha uakghet taħt idejn Kanût id-Daniż.

VIII.

**Kanùt il Cbir**

Kanût id-Daniż, chien ragel tajjeb u tal għakal, u uieħed mill aħjar slaten: ara chemm, li kalgħuhielu *il Cbir*. Chien bħala missier xorta uaħda ma'd-Daniżi u ma l'Ingliżi; u ħareġ ligijiet għall fokra u għall għonja xorta uaħda. In-nies, fi żmienu, chienu igħixu bħall aħua, u lilu colħadd chien igîbu. U tâf għaliex? Għax hu sâr nisrani, u bèna il cnejjes u il cunventi li mannijietu chienu ġarrfu.

Halli ngħidilcom din, biex tarau chemm chien ragel seuua. In-nies ta maduaru, bil fehma jinħabbu miegħu,

chienu ifaħħruh f'uiċċu u jonfħugħ. Darba, chif chien magħhom f'xatt il baħar, kabdu igħidulu: "U int, mîn hu kauui daksec? Inti sîd l'art u il baħar. Dac li tgħid int, iseħħ. Saħansitra il meuġ, chif tgħidlu int, jagħmel." Uiegibhom Kanût: "U tgħid jisma minni il meuġ?... Ħalli narau! Resskuli is-siġġu l'haun, u kegħdugħ krîb mill baħar." Dauc resskulu is-siġġu fuk ir-ramel, u il meuġ gejj dejjem. Kanût kagħad bilkegħda, u kâl: "Reġġa l'ura il meuġ tiegħec, ja baħar, u la ixxarrablix riġlejja, għaliex jien sultan tal art u il baħar." Iżda, il meuġ baka' gejj xorta uaħda, u xarrablu riġlejh u ħuejjġu. "Rajtu chemm tchellimtu ta boloh?" kallhom Kanût. "Rajtu chemm hi żgħira is-setgħa ta's-slaten u tal bnedmin? Il meuġ le ma samagħ minni. Dan il gieħ atuh biss l'Alla, għaliex il ħolkien Minnu jisma." Minn dac in-nhar, is-sultan Kanût uarrab il curuna minn fuk rasu, u xeddha f'râs ix-xbieha ta Sîdna Geżù Cristu, fil cnisja il kadima ta Winchester.

## IX

### In-Normanni jirbħu l'Ingliterra

Uara Kanût, laħku slaten tal Ingliterra, uliedu u ulied uliedu. Is-sèna 1042, iżda, laħak sultan Duardu *it-Tielet* msemmi il *Kaddis*, bin Ethelbertu l'*Artab*. Chellu kalbu tajjba uisk u ħenn għall poplu tiegħu.

Fi żgħuritu, żmien id-Daniżi, dan chien mâr jokgħod għand Guljermu, duca ta'n-Normandija, fi Franza ; u dan netarx chien uebblu li uara meutu għandu jilħak hu sultan tal Ingliterra. Duardu, uara ħajja kaddisa u collha ħniena, mjet ta kaddis fil 5 ta jannar tal 1066, u il-lum igħidulu Duardu *il Confessur ;* m'hux għax chien ikarar, imma jigifieri għax chien *jistkarr* il Ġeżù Cristu Alla u Bniedem, bi ħrara uisk cbira. Il għaxka tiegħu chienet li jiġbor maduaru il għomja u l'imgiddmin ; uiċċu dic is-siegħa chien isir jiddi bħal ta nuġlu, bil ferħ ; u, mbierca il ħniena t'Alla, mijiet minnhom chienu ifieku hecc chif imissulu îdu.

Duardu ma chellux ulied. Il cbarât ingliżi ftiehmu bejniethom u għâżlu b'sultan tagħhom lil Ħaroldu, l'actar ragel ta għakal u kalbieni li chienu jafu bih. Iżda, nkàla dac Guljermu li semmejna, duca ta in-Normandija, u dehirlu li is-saltna tmiss lilu, billi Duardu chien uegħidhielu. Daun in-Normanni chienu nies kalbiena uisk, li niżlu minn ġo't-tramuntana u ħaemu taħt idejhom l'artijiet il cbâr minn ta Frazna. Chienu ħallelin ta fuk il baħar bħa'd-Daniżi, u nisel uiehed magħhom u mal Inġliżi.

Dan Ħaroldu chien mħabbat uisk minn ħuh Tostig, ragel ħażin, itturufnat mill Ingliterra ; dan ried jilħak sultan hu, f'loc ħuh. Tostig ftiehem ma's-sultan ta'n-Norvegja ; u niżlu it-tnejn flimchien b'cotra kauuija ta nies għall fuk l'imsejchen Ħaroldu. Dan ma katagħx kalbu ; telak b'in-nies tiegħu jilħakhom, baka' miexi lejl u nhar, sa ma' ltaka' magħhom fil Yorkshire u ħarbathom għall collox. Tostig u sieħbu bakgħu mejjtin ma eluf oħra.

Haroldu rebbieħ, rama' mejda : imma, fl'aħjar tal

mejda, jasal ragel riecheb, għajjen, jilheġ u collu tajn u uassallu l'aħbâr li Guljermu, sultan ta'n-Normandija, niżel b'in-nies tiegħu fuk l'Ingliterra. Ħaroldu uieġbu: "Aħbar ħażina, sieħeb! Li cont hemm, ma chienux jirfsu l'art tagħna." Nkata' l'ichel u ix-xorb; Ħaroldu telak lejn nofs-inhar u kâl l'in-nies tiegħu ifittxu jitilku urajh. Il cbîr chien għâdu gejj.

Guljermu chien gieb miegħu sittin elf ruħ fuk tminn mitt xîni. Chienet il għodua tal 14 ta ottubru tal 1066, is-sèma mgħotti, meta daun in-Normanni ħabtu uiċċ mb'uiċċ mal Ingliżi krîb Hastings (*Hajsting*). In-nies to Ħaroldu chienu mkassma fuk ix-xakliba ta għolja, marsusin flimchien, u hu f'nofshom, taħt li standard tiegħu, leun isfar bi guerrier f'in-nofs. F'chemm trod salib, tellgħu ħajt kuddiemhom u stchenneu uarajh: uaħħlu fl'art chemm zcûc u friegħi ta's-siġar sabu, u magħhom uakkfu it-tarchi tagħhom. Ħaroldu kallhom: "La titkanklux, rgiel; uru ħiltcom bli mnanar; jecc ticsru il ħajt, mitlufin aħna!"

L'euuel ma bdeu in-Normanni; uaddbu xìta ta vlegeġ fuk l'Ingliżi, imma għal xejn: lil Ingliżi, uara dac il ħajt, ma laħkithomx uaħda. Resku lejhom bil laneż tual tagħhom, għal xejn; actar niżlu jiġru milli telgħu. Resket il cavallerija; is-suldati micsijinb il ħadid, xteħtu fuk l'Ingliżi, għal xejn ucoll, għax li mnanar għamlu tagħhom. Dac il ħajt baka' sħiħ u iż-żuiemel ta'n-Normanni dauru denbhom u ħarbu.

Haun ħarget ix-xniegħa li Guljermu mjet, u in-Normanni ħabtu jaktgħu kalbhom. Ħin bla uakt, jinkala' Guljermu b'ħafna suldati li ġàbar maduaru, u biex jagħarfuh, neħħa il mirjun minn rasu u għàjjat

chemm felaħ: “ Arauni għâdni ħajj ; u bil għajnuna l'Alla li ħsiebni nirbaħ ! ” Reġgħu resku in-Normanni; imma, coll darba jierġgħu l'ura; dac il ħajt żamm shiħ. Chienu ilhom jatu m'id-disgħa ta fil għôdu.

Iżda, ma nżûl ix-xemx, Guljermu għaddielu ħsieb: “ Hocc, bil vlegeġ nirbaħ!” kalilhom. “Uaddbuhom il vlegeġ lejn is-sèma, li jakgħu fuk ir-rjus l'egħdeuua.” Hocc għamlu, u giebha fejn ried. Lil Ħaroldu laktìtu vleġġa f'għajnu; u collu dmija, uaka' mejjet kalb eluf ta mejjtin. Hemm tilfu l'Ingliżi : bakgħu, iva, jatu sa ma dalam ; Guljermu ħareġ rebbieħ, u rebaħ ucoll is-saltna tal Ingliterra. Din hi il vitorja ta Hastings, li bakghet tissemma ; u haun, lil Guljermu semmeuh *ir-Rebbieh*.

Dan Guljermu chien ragel kasir ; imma, ta saħħa chira u kalbieni ; għajb, chien mcabbar ! Dâm sa gieb il colħadd taħt idejh, u ħakar m'hux ftit. Ħarbat ràba u hauuel ħafna siġar biex icollu fejn idur għall caccia. Dâm isaltan fuk l'Ingliterra mal 21 sèna, u mjet ta sittin, in-naħa tal belt Rouen *(Ruan)*, fi Franza, uakt f'assedju ta Nantes *(Nant)*. Chien riecheb ; iż-żiemel deffes sieku ġo għamra rmied b'in-nâr, u għatarlu. Guljermu għattan genbu ; u b'it-tagħtina, mjet. In-nisel tiegħu dâm isaltan fuk l'Ingliterra 88 sèna (1066-1154.)

Biex tarau chemm chienu nsara tasseu l'Ingliżi f'iż-żmenijiet li kegħdin nsemmu, irrid ngħidilcom din il ġrajja.

Fi żmien is-sultan Stejfen, l'Ingliżi ħadu vitorja ohra cbira uisk, igħidulha *ta li Standard*, u għâdha tissemma sa'l-lum. Is-sèna 1138, David, sultan ta li Scozja, niżel b'eluf ta nies minn tiegħu, nies ħorox u

chiefra, u ħarbat fejn laħak. Thurstanu, l'arciskof ta York, ġàbar chemm Ingliżi sâb, u lakagħlu. Ngemgħu ilcoll madduar arblu ta bastiment; fil kucciata tiegħu rabtu salib cbir, u fil għakda ta's-salib uaħħlu caxxetta tal fidda, u ġo fiha is-Santissmu; l'isfel minnu, il bandiera ta San Pietru, u il bandieri ucoll ta San Uilfridu u ta San Ġuann ta Beverley, li tnejn minn Yorshire. L'Iskof tal gżejjer Orkneys ħàfer id-dnubiet ta dauc in-nies, berichom, talab ħniena l'Alla: saret it-takbida, u l'Ingliżi bakgħu rebbeħin. Li Scożżiżi, bosta minnhom mietu; u l'oħrajn ħarbu lejn l'artijiet tagħhom.

---

*Fil facc. 31, fl'aħħar tal linja 20, Frazna għandha tinchiteb Franza.*

*Il chelma Hastings tal 11 il-linja tal faccata 32 għandha tinkìra* Hejstings.

X.

**Il Għarka ta'x-Xîni l'Abjad**
**(Is-sèna 1120)**

L'iżgħar fost ulied Guljermu, chien jismu Erricu. Dan issa laħak sultan tal Ingliterra; u billi chien l'euuel sultan ta dan l'isem, semmeuh Erricu *l'Euuel.*

Issa dan Erricu ma chellux għajr tifel uieħed, u

ommieh Guljermu, għall missieru. Chien iħobbu uisk; u meta it-tifel għalak it-tmintax il sèna, ħâdu f'in-Normandija mnejn chien gejj in-nisel tagħhom, biex hemm jaħtru sultan ta'n-Normanni.

Helsu b'uiċċ il gîd, u ħasbu u rau li jierġgħu lejn l'Ingliterra. Erricu bagħat jara hemmx xiħadd għa's-safar : ta maduaru niżlu ix-xatt u resak lejhom captan jismu Fitz-Stephen (*Fiz-Stîfen*), u dan kallhom li chien sejjer jagħmel il kala'. Tellgħuh kuddiem Erricu ; il captan sellimlu, u kallu : " Ja Sîdi, missieri chien captan fuk ix-xîni li uassal il missierec biex mâr rebaħ l'Ingliterra. Jien ucoll għandi f'idejja xîni li ma bħalu, jismu *ix-Xîni l'Abjad*, b'ħamsin baħri kalbiena jakdfu fuku. Dac ta hemmec, arah ! Arah jitbandal fuk uiċċ il baħar ! Aħna għa's-safar ; tridx nuasslec l'Ingliterra, bħalma, snîn ilu, missieri uassal lil missierec? "

Is-sultan uieġbu hecc : " F'ħajjietec, ħabib ; jien le ma nista nigi miegħec għax ilħakt ħadt bastiment ieħor ; iżda, jigi miegħec ibni fuk ix-xîni *l'Abjad* u itilku urajja. Issibuni l'Ingliterra. "

Uara li telak il missier, ibnu il princep Guljermu b'ohtu miegħu u ħafna cbarât oħra, nisa u rgiel, talagħ fuk ix-xîni *l'Abjad.* Il princep bagħat għall captan, u kallu : " Fitz-Stephen, gîb tliet crietel mbît u iskiehom lil ħamsin baħri li bl'imkadef għandhom iuassluna l'art l'oħra. Ġagħalhom jixorbu, tafx, u ħalliehom jitfarrġu, il għaliex kabel nofs il-lejl ma nitilkux. " U il ħamsin baħri chienu kalbiena biex xorbu it-tliet crietel mbît ucoll : u ma għanneux ftit u ixxalau, u żifnu ! U m'hux huma biss : il princep, u ohtu u il cavalieri u il barunijiet, rgiel u nìsa ; u

damu jiżfnu fuk il cverta sa ma telku. U x'ma tiżfinx? Chien daul ta kamar tara ħabba : ir-reżħa, iva, għaliex chien ix-xaħar tal Miljed ; imma, bnazzi. Ħabta ta nofs il-lejl, refgħu l'ancri, għamlu il kàla, dauc il ħamsin baħri kabdu l'imkadef, u ix-xîni bèda itir fuk uiċċ il baħar donnu għasfur. Is-sliema, jalla !

Ħin bla uakt, iżda, uara ftit li tbiegħdu mill art, stamagħ għajjât u tuerżik li kasam il klub, f'dic il ħemda ta'l-lejl. Ix-Xîni *l'Abjad* chien ħabat ma scoll, nfetaħ fl'ilma u bèda nieżel. Il captan xeħet cajjic il baħar, u fuku għabba il princep u x'uħud milli chienu miegħu. Kalilhom : " Akdfu intom, arau takbdux l'art; ħajjitcom f'idejcom!" U bdeu jakdfu għall sidirhom. Iżda, uara ftit, il princep sama' leħen oħtu tgħajjatlu minn fuk il bastiment; "Stallau, l'aħua ! " kâl lil sħabu; "stallau, jaħasra ! Nsijau lejn ix-xîni ; ma jistax icun nħalli l'oħti tegħrek!" Sâr chif kâl hu, u uaslu ma genb ix-xîni ; imma, il cajjic niżel fil kiegħ, għax ma felaħx in-nies li każbu għall geuua fih : u ntilef colħadd.

* * *

M'hux colħadd : tnejn minn nies kabdu ma arblu mkàċċat, u bakgħu mkabbdin miegħu ; il uieħed, biccier jismu Bertoldu, micsi bil gild ta'n-ngħaġ ; l'ieħor, baruni, jismu Goffriedu. Chif chienu jitħâbtu mal ilma, f'lejl ta'x-xitua bħal dac, lemħu bniedem ma uiċċ il baħar, gejj lejhom. Jokrob, jokrob; xagħru tuil, miżbuk bl'ilma. " Għandu icun hu !... dac il leħen, leħnu!... dac Fitz-Stephen, il captan!" U chien hu. " L'aħua, x'sâr minnu il princep ? " staksa Fitz-Stephen. " Għerek, għerek, jaħasra ! U oħtu ucoll ; u magħhom dauc collha li chienu fuk ix-Xîni l'Abjad!"

" X'nahda ġratli! " tnieħed l'imsejchen captan; u dirgħajh ntelku, u l'ilma għattieh għala dejjem.

It-tnejn l'oħra damu dauc il ftit siegħat mħaddnin mal arblu; iżda, fl'aħħar, Goffriedu kâl lil sieħbu: " Jien ma nifláħx iżjed, ruħi ħierġa; idejja chesħin daks is-silġ... sejjer nitlak... ma nistax nżomm iżjed!" U telak; laħak kâl biss daun il chelmiet: " Ibka b'is-sliema, ħabib; Alla jiekaf miegħec! "

Ma't-tbexbix, in-nies m'ix-xatt lemħu il biccier mħaddan mal biċċa arblu; ħarġu għalih b'dgħajsa, u ġebuh l'art kauui sħiħ. Minn dauc collha li chienu miegħu fuk il bastiment, ma bakax ħajj ħliefu biex jgħid chif għerek ix-Xîni l'Abjad.

U Erricu? Hadd ma chellu ħila jatih din l'aħbâr ħażina; iżda, fl'aħħar, bagħtu dakxejn ta tifel igħidlu collox. It-tifel tala' kuddiem is-sultan, xteħet għar-cubtejh kuddiemu, u b'id-dmugħ f'għainejh kallu ħaġa b'ħaġa chif għerek ix-Xîni l'Abjad. L'imsejchen sultan, meta samagħ din l'aħbâr, xteħet fl'art actarx mejjet u le ħajj; u minn dac in-nhar sa mjet, katt ħadd actar ma rah jitbissem jidħac. Imsejchen missier, tilef l'ogħla gîd li chellu!

## XI.

### Erricu it-Tieni

Fl'1155 laħak sultan Erricu *it-Tieni*, mlakkam il *Kasir*, għax tabilħakk chien kasir. Missieru Goffriedu *(Geoffrey)*, franciż, chien iħobb iuaħħal ħil mirjun xi ħergħa ta ħaxixa li tixbaħ il ġummar, igħidulha *planta genesta ;* u għalhecc tauh ucoll l'isem ta *Plantagenet*, li baka' l'in-nisel tiegħu sa'l 1399.

Erricu chien cburi, demmu sħun, u rgħib. Ħabat imidd idejh ħuk il gîd u il ħkûk tal Cnisja, u jaħkar il kassisin. Sa minn żgħuritu chien ħabib uisk ma uieħed żagħżugħ bħalu, jismu Tumas Becket, li maħbub minn colħadd għall ħleuua, it-tieba u il għerf tiegħu. Erricu laħħku arciskof ta Canterbury (1161) b'ittama l'isibu għall snienu; Tumas chien kallu: "Isma, jecc nsir iskof jien, il ħbeberija tagħna tinkàta, għax ma nerħilecx." Minn għâni li chien, bèda igħix ta fkir; il ħided tiegħu, kassamhom lil fokra; xeħet fuku ċokka ħoxna, u mill bkija, talb u tgħaccis lil gismu.

Is-sultan ma diemx ma chellu x'igħid miegħu ; u dlonc bèda iħabbtu u igibu kuddiem il krati tiegħu. Tumas ħtieġlu iuarrab, u mâr Franza ; u diem hemm seba' snîn. Erricu ma kabillux ; ra chif għamel isseuua miegħu u rħielu jarġa jidħol l'Ingliterra. Imma, arah ràġa bèda jaħkru. " Minn chemm għandi clieb maduari, ma nsib xuieħed li jieħlisni minn da'l kassis midgħi?" ħargitlu darba uaħda f'is-saħna ta'd-demm. Daun il chelmiet, semgħuhom erbgħa mill cavalieri

tiegħu; u biex jinħabbu miegħu, ftiehmu li jaktgħulu smuktu. Marru il catidral ta Canterbury, sabuh, ħadu-ha miegħu u hedd'duh bil meut. Tumas kallhom: “ Ma tbeżżgħunix b'it-theddid... darba chienet li bżajt mill meut... ma tcunx iżjed! Fejn jindaħal il gieh t'Alla, issibuni uiekaf kuddiemcom bħala sûr! ” Telakhom, daħal il côr u bèda l'għasar. Ħin bla uakt, jinfetaħ il bieb tal côr, u jidħlu l'erba' cavalieri b'is-sjuf misluta. Ir-rhieb mchexcxin; Tumas mâr jilka lil danu l'erba' cavalieri; “ Xi tridu minni? ” staksiehom. “ Ħajjtec! ” kalulu. “ Ħuduha: nerħi ruħi f'idejn Alla u Ommu; nitlobcom, iżda, ma tmissux il ħadd iżjed! ” Ma din l'aħħar chelma, uieħed mill erbgħa, niżżillu dakka ta sejf fuk rasu. L'imsejchen mesaħ id-demm: dakka oħra ta sejf, xeħtìtu għarcubtejh; medd idejh lejn l'artal... Dakka oħra, u oħra... rasu tfarchet... moħħu xtered mal art; ruhu marret fi hdân Alla.

Dan hu S. Tumas ta Canterbury, li Nharu taħbat tlet ijiem uara il Miljed. Il meuta tiegħu għaġġbet il colħadd; in-nies bdiet tmur titlob fuk kàbru, u eluf ta egħġubijiet saru u għâdhom isiru b'it-talb tiegħu. Demmu għâdu jidher sa'l-lum.

Erricu nidem minn dan id-dnub u xogħol mill għmil ħażin tiegħu. Sèna uara, mâr jinxteħet fuk il kàbar ta San Tumas jitolbu maħfra. Imma, id-dnub ma jorkodx; kamu għalih, uieħed uara l'ieħor, l'erba' suhien li chellu u ħabbtuh. Erricu tatu dagħdiegħa chira, kabdu dèni kauui u mjet (1189); u uara meutu, uiccu bakagħ mbengel. Chif il ħajja, il meut!

Fi żmienu, dan is-sultan, l'Irlanda tgħakkdet mal Ingliterra. Is-slaten ta dil gżira, chellhom x'igħdlu

bejniethom; u Dermot, sultan ta Leinster, talab l'Erricu jakbeż għalih. Is-sèna 1171, Erricu mâr l'Irlanda, u l'Irlandiżi collha ħatruh b'sultan tagħhom. Minn dac iż-żmien, l'Irlanda bakgħet tagħmel mal Ingliterra.

## XII.

### Ricardu L'Euuel

Dan chien uieħed mill erba' ulied ta Erricu *it-Tieni*. Chien ragel tuil u mibrum, sabiħ, għainejh zorok, xagħru isfar, jiflaħ daks ġorf u ma jibża minn ħadd u minn xejn; fuk hecc, kalgħuhielu *Kalb ta Ljun*. It-tokol tagħha, il mannara li chellu, ħadd ma chien jiflaħha; hu chien jati biha bħal xejn; dakka ta lanża minn tiegħu, tuakka' chien mîn chien minn fuk iż-żiemel.

Ħajjtu għaddieha jigguerra. Dic il ħabta, chien żmien il Crociati: ħalli nfehimcom x'inhuma. Gerusalemm chienet uakgħet taħt il ħacma ta't-Toroc; il Kabar ta Cristu, chienu, mela, jagħmlu minnu huma. Fuk hecc li Nsara, l'actar il cbarât u is-slaten, chienu ftiehmu jingħakdu flimchien, jinżlu lejn il-Lvant biex jeħdu minn taħt idejn it-Torc il Kabar ta Geżù u l'art mkaddsa minnu. Issa, billi daun is-suldati ta Cristu chienu iħîtu fuk sidirhom salib aħmar (*crux*,

bil latin, jigifieri salib), fuk hecc chienu igħidulhom Crociati, u Crociati ucoll il guerer tagħhom. *

Ricardu, mela, bħala nisrani u bħala kalbieni, bi ħrara cbira telak collox u mâr juri ftit lil Misilmin il kaunn ta drieghu u il ħìla ta kalbu. Chellu żiemel jinkàla daksu: arah iniggżu, jidħol bih bejn it-Toroc, idauuar ruddiena il mannara tiegħu, u igherbeb irjus bħa'x-xita. Tridu tafu chemm saru jiżbgħu minnu? Malli jilmħuh riesak, chienu ilebbtu iż-żuiemel tagħhom u jaħarbu: u uara li siefer minn hemm, ismu biss chien ichexchixhom. Jecc żiemel jonfor minn xi ħaġa, sidu cont tisimgħu igħidlu: "Ħejr! X'ġàra? Ma rajtx is-sultan Ricardu, euuilla?" U meta l'ommijiet chienu ibenn'nu l'it-trabi tagħhom ġo'n-nieka, chienu igħannûlhom: "Ninni, ibni, ninni, li ma jigix jieħdoc is-sultan Ricardu!"

Dac is-sultan chien kalil bosta; fuk hecc, il cbarât li chellu miegħu, ħalleuh, u hu ħtiegħlu jitlak ucoll. Fuk hecc kabdu id-dëni, u rħielha lejn l'Ingliterra biex jiehu saħtu.

Il bastiment li chien sejjer fuku, tchisser lejn Venezia, u l'imsejchen Ricardu kalbu ngħafset, isîb ruħu f'art tal għàdu tiegħu Liopoldu, duca tal Austrija. Biex ma jagħarfuhx, biddel il-lbiesu, ħa tifel miegħu u telak bil mìxi jifred il Germanja.

Darba uaħda bagħat il dan it-tifel jixtrilu xi ħaġa tal ichel, u in-nies lemħulu nguanta sabieħa mdendla

---

* *Fuk* Il Crociati, *akrau fost il "Cotba tal Mogħdija taż-Żmien" in-Nru. 26 : u jecc tibdeu biex takrau in-Nru. 23 "Miriam Karkuas" tcunu actar tafuha il ħaġa minn għankudha.*

fi hżienu: “ M’hix ta b’xejn!” kalu; “ dic, nguanta ta sultan!” U ħadu colma riedu minn fomm it-tifel. Uara ftit, Ricardu jisma il bieb iħabbat, jixref u isîb katgħa suldati biex jakbduh. Għalchemm bla saħħa, kâm fuk tiegħu, silet is-sejf, u kallhom: “ Mîn jiersak, noktlu; ma nħallix mîn imissni ħlief ir-rajjes tagħcom. U ir-rajjes resak, u dan chien Liopoldu! U hecc, Ricardu sâb ruħu lsir tal għàdu tiegħu, magħluk ġo torri kalb il muntanji, bil għases lejl u nhar u is-sjuf misluta.

Ricardu chien iħobb idokk u igħanni; bħalu ucoll chien Blondel, żagħżugħ franċiż, l’akua ħabib tiegħu. Blondel samagħ b’li ġralu lil ħabibu, u telak għall Germanja biex jara jieħilsux. Dâm bosta idur u jitchixxef; iżda, għall xejn! Lejla uaħda, għajjen mejjet, xteħet jistriħ taħt ħajt. Fil ħin, jisma mîn igħanni; uakkaf uidnejh. “ Tgħid hu? ” kâl f’kalbu Blondel. Jarġa jissamma, fehem il cliem, isîb li chienet għanja li chien kabbel Ricardu, u li chienu igħannuha flimchien. Meta Ricardu giè biex jakleb għa’t-tieni biċċa, Blondel ħadhielu minn fommu u issuctaha hu. Ricardu għarfu mill euuel, u fehem ucoll li il fidua tiegħu uaslet. U hecc chien: l’Ingliżi chienu iħobbuh uisk, u ħallsulu erba’mitt elf lira biex jinfèda. Chien îlu magħluk ħimxtax il xahar.

## XIII.

### Is-Sultan Gianni Lackland

Uara il meut ta Ricardu, billi tfâl ma chellux, laħak sultan ħuħ Ġanni. Dan chien ragel ħażin uisk: bèda biex katel b'idejh l'Arturu, bin ħuh il cbir; u hecc tellef lil Ingliterra l'artijiet li chellha fi Franza, in-Normandija u Angù. Chisirha ucoll mal Papa, billi medd idejh fuk il ħkûk tal Cnisja. Cnien sâr arciskof ta Canterbury, Stiefnu Langton, ragel għaref u kaddis: imma, Ġanni ma riedx jâf bih; u minfuk ħarrab ir-rhieb ta Canterbury. Il Papa Innocenziu fetaħlu għainejh; l'Iskfijiet uesseuh; iżda, Ġanni uegibhom: " Lil kassisin nakilghilhom għainejhom! " Fl'aħħar, is-sèna 1028, il Papa chellu joħroġ interdett fuk l'Ingliterra.

Halli nfehimcom x'inhu *l'interdett:* il cnejjes jinghalku; kuddies ma jingħâdx; Sagramenti ma jingħataux għajr l'it-trabi u lil mîn icun f'uakt il meut; il mejjtin jindifnu bla tberic; il kniepel jisctu; l'incuatri tal cnejjes, jitgħatteu; collox igîb il bìchi. U dan isir bil fehma li il ħâti jiftaħ għainejh.

Sitt snîn damet sejjra hecc, u baka'dejjem jaħkar il Cnisja. Il cbarât ucoll rau bosta minnu; chien iżommilhom l'uliedhom b'rahan taħt idejh. U daun x'bakghu ma raux! Katel bosta minnhom bil ġuħ. Iżda, l'interdett ma seuiex; minfuk, ħajjar l'is-Saracini ighinuh jieħodha mal Papa u ma Franza, u il ħâli ueghedhom li jakleb mislem bħalhom. Innocenziu dâm

iżieghel bih erba' snîn oħra; fl' aħħar, iżda, katgħu mill Cnisja, jigifieri scumnicah (1213). Dac iż-żmien, meta uieħed igħid sultan scumnicat, ifisser li hu titlef il trôn. Fuk din, Lackland kagħad għa!l collox, u ħalef li il curuna jafha minn idejn il Papa; u hecc tneħħa l'interdett, u il cnejjes nfetħu.

Tneħħa l'interdett, iva; iżda, Ġanni minn geuu bakagħ li chien. Il barunijiet xebgħ!; kalgħu il Carta *(Charter)* tal ligijiet li ħareġ San Eduardu, u kuddiem l'arciskof Langton ħalfu li dauc li-ligijiet igħaddu, icun l'icun. Chien il 25 ta novembru tal 1215, nhar S. Eduardu, fil cnisja ta Edmundsbury.

Is-sultan Ġanni ma riedx jisma b'Carti; iżda, il cbarât ftiehmu u ġàbru in-nies tagħhom. Sâb ruħu uaħdu, u ħtieġlu jokgħod għalli riedu, u f'ġunju li giè, f'Runnymede, fuk xatt ix-xmara it-Tejms, cheilu inizżel ismu fil Carta il Cbira *(il Magna Charta)* li fiha tuettku il ħkûk tal poplu u tal Cnisja.

Ħalef u għamel mn'idejh; imma, le kagħad għall ligijiet. Bil ghideb u't-tnassis, ġagħal il Papa jekred li chien sâr, ġàbar maduaru chemm nies ta kattagħni sâb fl'Europa, u il ħsara u is-serk li gieb fl'Ingliterra, katt ma dehru. Daun il chefrin laħku daħlu fi cnisja leiljet il Miljed uakt il kuddiesa il cbira, u kalbu l'artal, b'it-tama l'isibu xi gîd.

Il barunijiet ftiehmu beinjethom li jieħilsu minn bniedem kalil bħal dan. F'ġunju tal 1216 bagħtu għall Uigi, bin is-sultan ta Franza, biex jagħmluh sultan tagħhom. Ġanni tbergħen, katta xuxtu, tkagħbar mal art, ħalef li jiekaflu. Fil uakt, għreklu il baħar chemm gîd chellu; b'id-dagħdiegħa, kabdu id-dèni u mjet b'saħna ta demm. Ftit chien haun slaten ta kalbhom

hażna, midgħijin daksu. Lakkmuh *Lackland*, jigifieri *bla art*, għax chien safa' bla art.

L'Ingliżi jiftaħru uisk biha din il *Manja Carta*, u għandhom biex. Kisuha ftehima bejn is-sultan u il poplu, colħadd jâf sa fejn għandu jasal fil ħkûk tiegħu. Jecc il Gvern ingliż hua l'aħjar il-lum fost il gvernijiet collha, dana gejj mill *Manja Carta*.

## XIV.

### Il Princep tal Wales

Sa żmien is-sultan Duardu *l'Euuel*, il Britannja chienet għâdha katt ma giet collha chemm hi taħt idejn is-slaten ingliżi: il Wales u li Scozja, chienu għâdhom ma chellhomx x'jaksmu mal bkija tal Britannja. Duardu, minn x'ħin laħak (1272), chien tħajjar jagħmel collox ħaġa uaħda; u b'xortih, gietu ix-xokka f'moxtha.

Llewellyn, sultan tal Wales (*Uejls*), chien mèla rasu b'it-tpeċpîċ ta's-saħħâr Merlin, li il gżira collha dil ħabta għandha taka' taħt idejn uieħed; ħaseb li da'l uieħed icun hu, u telak għall Ingliterra. Imma, dâr b'rasu. Duardu kâl: " Issa 'l uakt! " u daħal ġo'l Wales b'in-nies tiegħu. Llewellyn gietu mgħarrka: tilef u katluh, u il Wales żdiedet mal curuna ingliża. Chien gîd għalihom li Uelx li chienu għoddhom saru

salvaggi. Duardu tahom ligijiet tajjba, li bihom sabu ruħhom għall aħjar.

Tafu xejn mnejn hi gejja din, li it-tifel il cbir ta's-slaten inglizi igħidulu *Princep tal Wales?* Duardu chien ħa miegħu f'Wales il martu Lionora, u hemm tueldilhom l'euuel tifel. Tlet ijiem uara, il cbârat tal Wales telgħu kuddiem is-sultan, u talbuh itiehom câp li ma icunx jitchellem u la bil franciż u ankas bl'ingliż: "Għax il-lsien'na ma idurx!" kalulu. Duardu uegibhom: "U jien nuegħidcom li naticom princep mueled f'din l'art, li ma jâf ebda chelma la bil franciż u la bl'ingliż. Iżda, intcom jaħtieġ taħilfuli l'iżżommuh dejjem b'ħâchem tagħcom." Ilcoll kalu iva. Duardu daħal geuua, gebilhom lil ibnu tarbija, u kalilhom: "Haun hu; tuieled il-bieraħt l'ura; għandcom xi tgħidu?" Chellhom imejjlu rashom, iħitu ħalkhom u ibusu il uejda ta dic it-tarbija (1283).

Egħnilli li semmejtilcom chemm chienu għallmu fl'Ingliterra il patrijiet, l'euuel dauc ta San Beniditttu, u mbagħd ta San Dumincu u ta San Frangisc. Chienu jaħsbulhom, m'hux biss għall genna, imma għall art ucoll. Haun nsemmîlcom fuk uieħed patri frangiscan, Ruggieru Bacon, li għadda għomru u żmienu jakra dejjem. Isimgħu x'chien igħid: "Żgieġa mdauura, magħmula hecc, msieħba ma oħra magħmula hecc, mkegħdin chif nifhem jien, ħuejjeġ bgħid, igibuhomloc krîb — Trâb isued, mħallat chif nifhem jien, itajjar ktajja nies u jagħmilhom tlief—Dauc il bastimenti, għandi ħîla nmexxiehom bla riħ; u dauc l'ingenji, nsukhom bla bhejjem." Mîn chien jisimgħu, chien igħid: "Da'l patri, jaħasra, tilef moħħu; jeu għandu il għafrid miegħu." Għadda żmien bi żmien

u it-telliscopju *(it-tromba)* u il porvli u il vapur, ureu il ħaċini, u la chien migħun, u ankas chellu miegħu il ogħlored. *

## XV.

### Il Princep l'Isued

Ħabta tal 1328 chien sultan tal Ingliterra Duardu it-III, ragel ħelu ma colħadd, kalbu tajjba u ħanina. Martu chienet Lippina ta Hainault (*tinkàra Henôl*), tajjba bħalu. Fl'1330 tuildilhom l'euuel tifel, u semmeuh Duardu ucoll. Chiber u chien maħbub minn colħadd għa't-tieba tiegħu, u chien il għaxka t'ommu u ta missieru. Intom tafu li dac iż-żmien chienu ixiddu il ġacc tal ħadid: u billi il ġacc ta Duardu chien isued, kalgħuhielu il Princep *l'Isued.* Ngħidillom xi ħaġa fuku biex tistgħu tarau chemm chien minn tagħna u kalbieni dan Duardu *it-Tielet*

Fl'1328 chien mjet Carlu l'IV, sultan ta Franża, u ma ħalliex ulied. Duardu *it-Tielet* chien jigi minnu fil korob u dehirlu li il curuna ta Franża tmiss lilu: fuk hecc, bdeu guerer li damu żmien tuil. Duardu telak għall Franza b'in-nies tiegħu, u miegħu ħa il

---

* *Fil " Cotba tal Mogħdija taz-Zmien " issibu fuk daun il hwejjeġ f'in-Nru. 86* " Ftit minn Collox. "

Princep l'*Isued*, li issa laħak is-sittax il sèna. L'Ingliżi chienu uakfu f'raħal jismu Crecy, *(Cresì)*, u hemm intgħatât l'actar takbida kalila.

Chellna 26 minn lulju. Il Franciżi chienu tliet darbiet actar mill Ingliżi. Duardu u in-nies tiegħu għaddeu il-lejl jitolbu ; ma's-sebħ kerreu, semgħu kuddiesa u tkarbnu ; u billi ħàbat is-sibt, colħadd sâm f'gieħ Sidtna Maria. Duardu richeb iż-żiemel, dâr is-suldati tiegħu, iħeggeġ il colħadd bi cliem ħelu u sabieħ. Meta ra li collox seuua, ġagħalhom jieclu u jistrieħu, u skiehom dakxejn mbît mill aħjar. U il ħin għaddej.

Fuk nofs-inhar, dehret bħal sħaba fil bgħid : chienu il Franciżi reskin għall fukhom. Uara ftit, dehret oħra, u chienet sħaba tasseu. Chibret, nfirxet, u minn ġo fiha uaddbet ruiefen, berak, ragħad u xìta bla tarf, u xarrbet il colħadd. Ħabta tal ħamsa, ix-xìta sħât, il Franciżi korbu u stemgħu igħajjtu : " Fl'isem t'Alla u ta San Denis ! " L'Ingliżi kamu fuk sakajhom biex jilkgħuhom ; imma, kabeż Duardu : " Ara xi ħadd jitniffes ! Ara xi ħadd jitħarrec ! " Resku il Franciżi u bdeu iuaddbu il vlegeġ ; iżda, billi il uatar tal kaus chien mxarrab bl'ilma li għamel, rtâb u il vlegeġ bdeu jakgħu f'nofs triek.

Ħalli nfehimcom ħaġa. Dari ma chellhomx armi ta'n-nâr ; chienu iuaddbu il vlegeġ. Chellhom *kaus* jeu *arc* tal azzar jeu ta xi ħaġ'oħra li tirtakat; u f'it-trûf tiegħu, *uatar* jeu ħabel tal msaren bħal cordi tal contrabaxx. Jiġbdu il uatar, jitilkhu għall fuk dahar il vleġġa, u il vleġġa ittir b'saħħa cbira minn tokba f'nofs il kaus. Is-suldati tal vlegeġ chienu igħidulhom arcieri, mill chelma latina *arcus*, kaus.

Hin bla uakt, l'Inglizi, meta rau li l'oħrajn egħjeu, kamu bħal ljuni, igħajjtu : Fl'isem t'Alla u ta San Ciorġ ! " u uaddbu xìta ta vlegeġ fuk il Franciżi. Il uatar tagħhom ma chienx ixxarrbilhom, għax uakt ix-xita ħasbulu ; u il vlegeġ tagħhom laħku l' egħdeuua, u il kàtla chienet cbira uisk. Tafu mîn chien kuddiem colħadd ? Il Princed *l'Isued*. L'arcieri franciżi li bakgħu ħajjin, chellhom fl' aħħar idauuru uiċċhom u jaħarbu.

* * *

Harbu, iva, l'arcieri ; iżda, laħket il cavallerija, u stiehtet fuk l'Inglizi u damu jatu sa't-tbexbix. Il Princep *l'Isued* għaggeb il colħadd haunhecc ucoll ; rchieb fuk iż-żiemel tiegħu, bèda iħeggeġ l'in-nies ta missieru. L'Inglizi nħàkru uisk, u ħtigilhom ireġġgħu l'ura actar minn darba, u il Princep dejjem ikauuilhom kalbhom u imexxiehom il kuddiem.

Il missier chien kiegħed jara collox minn fuk mitħna ta'r-riħ. Mâr cavaljer u kallu : " Aħjar tibgħat xi għajnuna lil ibnec! " Uieġbu is-sultan, jiebes daks il ħadid : " Jakau ibni maktul jeu midrub ? " L'ieħor uiegeb : " Le, għall ħniena t'Alla ! " Haun Duardu kallu : " Mela, mûr u għid lil ibni li ma għandux għax jistenna għajnuna minni. Jitħabat *hu*, ikîs li jirbaħ, għallex il-lum uaktu ! Jaħtieġlu jirbaħ : chelma ta sultan li jien ! "

Daun il chelmiet xegħlu l'ibnu u l'in-nies tiegħu : stiehtu b'ħîla cbira fuk il Franciżi. L'is-sultan tagħhom laktuh, u chellu jaħrab biex ma idurx b'rasu ; l'aħjar generali tal egħdeuua bakgħu mejjtin. Eluf ta Franciżi mietu f'dic it-takbida ; l'oħrajn chellhom jaħarbu.

Daħal il lejl, u Duardu niżel mnejn chien biex jifraħ b'ibnu rebbieħ, mdauuar b'ħafna nies b'it-torci f'idejhom. Ltakgħu; il missier ħaddan l'ibnu ma sìdru, u kallu: "Ibni għażiż, Alla igħinec biex tgħaddi il kuddiem chif bdejt. Int il-lum gibt ruħec ta ragel, urejt li ħakkec tcun sultan. " Il Princep xeħet għainejh l'art u staħa ; u fl'aħħar kallu : " Missier, it-tifħir lilec, m'hux lili! " U meta Duardu ra il ħîla t'ibnu u'l mistħija tiegħu, actar feraħ bih, milli feraħ b'ir-rebħa ta Crecy.

Da'l princep chellu ucoll takbida oħra mal Franciżi, it-takbida ta Poitiers (*Puatiè*). Bdiet il cavallerija franciża: l'Ingliżi lakgħulhom bil vlegeġ u ħarbtuhom; resku oħrajn, u ħarbtuhom xorta uaħda. Fost il cavalieri ingliżi chien jinsâb ix-xuejjaħ Sir John Chandos. Dan resak lejn il Princep l'*Isued*, u kallu : " Jecc nakbdu il brimba, il għankbut jinkered ; l'is-sultan jaħtieġ nakbduh taħt idejna biex neħilsuha." Il Princep fehmu u għàjjat għajta : " Imxi, ja bandiera, fl'isem t'Alla u ta San Ġorġ ! " X'tisma ? " *Monġoj sejn Denì!*" għajjtu il Franciżi "*Sen Ġorġ for Guejnn!*" l'Ingliżi. Taktiegħa ta bla ħniena, taħuid, żuiemel imuakkgħa u midruba, u cavalieri taħt sakajhom mgħaffġa, minfudin bil vlegeġ. Uara ftit, Jean (*Ġânn*) is-sultan franciż, uaka' pirġùnier tal Princep *l'Isued*.

L'imsejchen, bagħtuh pirġunier f'Londra. Duardu lakgħu tajjeb, għalchemm għàdu tiegħu, u żammu fil Castell ta Windsor. Hemm geuua chien jinsâb ucoll pirġunier, David, sultan ta li Scozja: u Duardu, b'tifchira, ħolok l'*Ordni tal Garter;* u fost oħrajn, daħħal cavalieri fih l'iż-żeuġ slaten pirġunieri. Fl'arma u fuk il flûs ingliżi taraux dic iż-żagarella mdauura,

makfula b'boccla? Dic hi il *garter* (*taccalja*). U dauc il chelmiet li fiha, *hony soit qui mal y pense*, huma bil Franciż, u ifissru: *mishùt mîn jaħseb ħażin*.

Il Princep *l'Isued* ma laħakx sultan tal Ingliterra: miet ta 46 sena, xhur kabel missieru.

Tafuha l'arma tal Princep tal Wales, dauc it-tlet rixjiet? Dic bdiet m'it-takbida ta Crecy. Mal Franciżi, chien jinsâb Carlu, sultan tal Boemja, ragel bla daul; dan staħa ma jatix daktejn ta sejf! Talab lil żeuġ cavallieri jmexxuh magħhom fuk iż-żiemel; dauc rabtu it-tliet żuiemel ftimchien u rħeulha. Ta bla għakal it-tlieta! Il vleġeġ ingliżi temmeuhom; u l'għâda nsâbu l'ġisma tagħhom magenb xulxin, u it-tlet żuiemel marbuta. It-tlieta chellhom ħafna rix fuk il mirjun tagħhom: xiħadd kala' rixa minn ta coll uieħed u mâr hadhom lil Princep *l'Isued*. Dan uaħħal it-tlet rixjiet fuk il mirjun tiegħu u bakgħu sa'l-lum l'arma tal Princep tal Wales.

## XVI.

### Is-Sultana Lippina

Dan Duardu it-Tielet li semmejtilcom, chien ragel tajjeb; imma, chien xi ftit jiebes ucoll fil fehmjiet tiegħu. Żmien uara Crecy, ried jitħallas minn nies tal belt ta Calais (*Calè*), li chienu furbani u dejjem lil Ingliżi jaħkruhom.

Din il belt chienet mdauura bi suar kauuija uisk, u Duardu ħaseb li ma jagħmel xejn magħha. Mela, *mblocc*.

X'jigifieri *mblocc*? Il Maltin għâdhom isemmuh l'imblocc ta żmien il Franciżi; intom, tfâl, iżżuħajr l'Alla li ma tafuhx, u itolbuh li ma tcunux tafuh ħlief minn fuk il cotba. Duardu, mela, dauuar il belt b'in-nies tiegħu biex ġo'l belt ma jidħolx ichel; u dauuar ix-xtût b'ix-xuieni, biex ħadd ma jokrob lejha bil baħar. In-nies ta geuua, żammeu għall sèna, u temmeu colma chellhom: chielu żuiemel, ktates, clieb u ġrieden, sa ma chien bakagħlhom xejn iżjed x'jieclu. Chienu igibulec ħniena tarahom hecc magħlubin, sofor, mixruba. Sa fl'aħħar, bagħtu igħidu lil Duardu: "Il ġuħ egħlibna; nifthulec il bieb; iżda, bla ma toktol il ħadd minn'na."

Duardu ma riedx jisma, għax chien mimli għalihom. "Jecc tibagħtuli sitta mill akua cbarât fost-com, xuxa, ħafjin, bil kmîz biss, b'ħabel f'għonkhom u bl'imfietaħ tal belt f'idejhom, iħallsu għall colħadd daun is-sitta; lil oħrajn naħfrilhom!"

Meta l'aħbâr uaslet il belt, dakkeu il kampiena il cbira biex in-nies tingàma. Semgħu x'chienet, u colħadd ntèla b'is-suied il kalb, jibchi u jixher u iħabbat fuk uiċċu, u ħiemed. Kabeż uieħed mill cbarât, jismu Eustazju Saint-Pierre, u kallhom: "L'aħua, issa m'hux għajb għalina jinkered colħadd, meta sitta minn'na jistgħu jieħilsu il bkija? Minn għalija, jien l'euuel uieħed; immur kuddiem is-Sultan ingliż, ħafi, xuxa, bil kmîz, bil ħabel f'għonki, u nati ħajjti għall ħuti, b'it-tama li Alla jaħfirli dnubieti. Haux ħadd ieħor?" U mbierca il ħniena t'Alla! jakbeż it-tieni,

it-tielet, ir-ràba, il ħames u is-sitta, u rħeulha għall kuddiem Duardu.

***

Sthajjluhom, issa, daun is-sitta minn nies, sofor daks il karsa ta'x-xàma, mixruba, għainejhom fil ħofra, mexijin, ħergin mill bieb tal belt f'dic is-sura li ngiblec ħniena!

Uaslu kuddiem Duardu li chien jistenniehom. Xtehtu għarcubtejhom kuddiemu, u kalulu: " Ja sultan, aħna is-sitt cbârat ta Calais; gejna nerħu ruħna f'ideje biex ma jinkerdux ħutna; icolloc ħniena minn'na, jecc kalbec tħoss!" Colmìn chien hemm, ufexx jibchi; iżda, le bèka Duardu; ħares lejhom bil herra, u għażżaż snienu. Biss kâl: " Il boja jaħmel li għandu jagħmel b'daun is-sitta; in-nies ta Calais katluli bosta minn nies tiegħi; ma'rridx nâf iżjed bi ħniena!"

Iżda, il ħniena nisslithielu f'kalbu martu Lippina, mâra tal ħniena. Tibchi u tolfok li ma setgħet tgħid chelma u unkas tiekaf fuk sakajha, marret minnufih xtehtet għarcubtejha kuddiemu, u kaltlu b'it-tnehid: " Ja sidi, int tâf li jien għaddejt il baħar biex nigi sa ħdeje, u stajt għrekt; u b'dan collu ma tlabtec ebda xejn. F'giħ Cristu bin Alla il għażiż li mjet għalina il coll, u għall mħabba li tħobbni, icolloc ħniena minn daun is-sitt msejcnin!" Żeugha chemmex għbinu, baka' ħiemed; fl'aħħar nefaħ nefħa u uegibha: " Aħjar katt ma gejtni haun! Chif titlobni int, ma nistagħx nichadlec. Daun is-sitt rgiel, natihom lilec; agħmel bihom li jidhirlec int!"

Chemm hi sabieħa il ħniena! Lippina daret bihom,

libbsithom chif jixirkilhom, żiegħlet bihom u bagħtithom henjin leju belthom ; u hemm għamlulhom lakgħa sabieħa u faħħru l'isem ta Lippina. Calais, iżda, giet taħt idejn is-sultan Duardu u damet tagħhom l'Ingliżi mitejn sèna.

* * *

Fl'Ingliterra, isir nsiġ uisk u jinkata' faħam tal ħaġra għa'd-dinja collha. Daun iż-żeuġ xogħlijiet daħħlithom l'Ingliterra din Lippina, mart Duardu : giebet nissieġa minn Flandra u xteħtulec f'Norwich *(Noric)*; u giebet nies oħra li darreu l'Ingliżi jaktgħu il faħam mill barriera.

## XVII.

### Watt Tyler

Żmien is-sultan Ricardu *it-Tieni* (ngħidu aħna, ħabta tal 1380), il fokra chienu maħkurin uisk mill għonja, m'hux biss fl'Ingliterra, iżda fl'Europa collha. Jien għidt fokra ; iżda, irrid nfisser ruħi il ħaddiema. Il ħaddiem chien jaħdem m'hux daks chemm jiflaħ ; iżda, chemm iridu sîdu : u sîdu actarx ma chienx tal ħniena. U meta għidt sîdu, għidt seuua ; għax is-sîd jeu is-sinjur, chellu il jedd ibiegħ il ħaddiema tiegħu, bħalchiecu ibiegħ żiemel jeu bakra. Dan, għa'n-nies

ta'r-ràba; iżda, il ħaddiema tal ibliet, ħaddieda u hemmejja u mastrudaxxi, xejn le ma chienu aħjar minnhom. L'imsejenin chienu jaħdmu bosta u jitħallsu bil ftit; u minn fuk, chienu iħallsu taxxi cbar l'is-sultan. Issa, il kliegħ tagħhom, għidna, chien ngħir; mela, nħallicom taħsbu x'ħajja chienu igħixu! Jiedu chemm ma imutux! Xebgħu sejjrin hecc, u għamlu f'moħħhom jieħilsu minn di'l ħajja. Chien hemm tajjeb li ir-rhieb tal mkaddes Beniditta chienu ngħinu nisk lil fokra, chif ucoll chienu iuissuhom jiħdu sàbar.

Darba uaħda (1381) fil belt ta Dartford, f'Kent, uieħed minn ta's-sultan, ħareġ jiġbor it-taxxi, iħabbat bieb bieb, u uakaf kuddiem dâr ta uieħed jismu Watt. Is-sengħa tiegħu, dan Watt, chienet li ikiegħed iċ-ċlamit tal iskfa. Haun Malta, il bjut nsakkfuhom b' ix-xoroc, b' it-tiblît fukhom; iżda, barra, l' iskfa huma ta'ċ-ċlamît, bħall ma tarauhom fil Furmarija tal Inglizi. Watt, dac in-nhar, chien ikiegħed iċ-ċlamît f'dâr ta uieħed gâra tiegħu, u f'daru ma chellux ħlief martu u bintu. Watt *Tyler* (li jigifieri *ta'ċ-ċlamît*) lemaħ, mnejn chien, lil dac ir-ragel dieħel f'daru; u ftit uara, samagħ il bìchi. F'chemm trodd salib, kabeż m'is-sakaf fejn chien, telak jiġri lejn daru, u isib lil dac ir-ragel kiegħed iċanfar lil bintu. X'jagħmel Tyler? Jakbad mterka x'chienet, inizżillu dakka fuk rasu u imiddu mejjet.

Hecc chif Watt Tyler kàtel il dac ir-ragel, il haddiema collha ta'r-rħula ta dic in-naħa, żammeu miegħu. Ftiehmu hecc bejniethom: "Immorru Londra, nitilkgħu kuddiem is-sultan u ngħidulu chemm aħna maħkurin; u jecc jinħtieġ, immiddu idejna

ucoll għalli ħakkna. Hecc chif aħna, ma nistgħux niġbdu il kuddiem actar! "

Hecc ftiehmu u hecc għamlu; għalchemm, m'hux colma riedu jakilgħu, chien seuua. Gimgħa tnejn uara dan, dehru mexjin lejn Londra l'eluf ta nies kiegħda, mcerċra, mixgħula, b'ħârsa cherha, ihedd'du il colħadd, u mîn bil vleġeġ u'l kaus, u mîn b'sejf msaddad, u mîn b'mingel marbut ma fergħa, ilcoll igħajjtu; u Watt Tyler minn kuddiem, riecheb fuk żiemel.

Daħlu geuua il belt ta Londra, jiggereu ma't-triekat. Li jiggereu biss, chiecu ma chienx icun fiha; iżda, daun l'imgienen bdeu dlonc jaħarku id-djar tal għonja, jiftħu l'ibuieb tal ħabsijiet, u jaktgħu irjus mîn jiltakgħu miegħu jecc katt ma igħidx magħhom: " Jien nżomm ma's-sultan Ricardu u il ħaddiema! "

Id-deheb u il fided li daun sabu f'djar il għonja, għamluhom trietak bl'imrietel, imma farca minnhom ħadd ma messha. Arau chemm, li uieħed fosthom, għaliex ħèba tazza tal fidda f'ħobbu, sħabu hebbu għalih u tefgħugħ ġo'x-xmara b'it-tazza u collox.

Is-sultan, għâd li ma chellu għajr sittax il sèna, chif samagħ bihom, richeb żiemel u mâr jiltaka' magħhom fejn igħidulu *Mile End*. Ltakgħu, uakaf: " L'aħua, xi tridu? " staksiehom is-sultan. " Irridu jieddna; tħalliniex lsiera! " ueġbuh dauc. Haun kabeż Ricardu: " Jieddcom ntihulcom daks ħadd ieħor. Isimgħu minni, ngàbru fi djarcom! "

Is-sultan ma chienx kâl ħażin; iżda, Watt Tyler, u l'eluf oħra miegħu, tniccru Londra, u għamlu ta taħt fuk. L'għâda, Ricardu ràga mâr sabhom fejn illum *Smithfield;* u Tyler, chif rah jokrob, richeb

it-tiemel u gibed lejn is-sultan biex jitħaddet miegħu. Dan Tyler ma chienx jâf igîb ruħu seuua: saħan, u f'is-saħħa medd îdu għa'r-riedni ta's-sultan. Is-sultan chellu magenbu il Wolworth, is-sindcu ta Londra. Dan ħaseb li Tyler sejjer iħebb għa's-sultan; ħareġ sejf u għargħru f'gherżumt Tyler. L'imsejchen, collu dmija, uaka' minn fuk iż-żiemel; u dlonc, uieħed minn ta maduar is-sultan, nifdu b'sejfu u neħħilu ħajjtu.

Dic is-siegħa, in-nies ta Tyler ħejjeu il kaus u il vleġeġ, u bdeu igħajjtu: “Oktlugħ! Oktlugħ!” u is-sultan chien sejjer jaħbat ħażin. Ricardu, demmu biered, dâr lejn dauc in-nies mxeuuxa u kalilhom: “X'sejjrin tagħmlu, l'aħua? Tyler giebcom fil għali; isimgħu minni; imxu miegħi!” Dauc emmnuh u mxeu urajh. Fejn ħadhom? Fejn chellu ħafna għas-sa mohbijin jittenneuhom. Meta dauc ntebħu b'in-nassa li daħlu fiha, talbu maħfra l'is-sultan, telku l'armi mn'idejhom u marru lejn djarhom bil kalb it-tajjba.

Izda, għakal ma għamlux: mîn jista igħid chemm demm iċċarċar, u chemm mijiet tgħallku, sa għamlu il għakal! Ma chienx collox għall agħâr: bil ftit il ftit, il ħaddiem bèda jitħallas actar, il fkîr ma bakagħx maħkur bħall ma chien, u f'inkas minn mitt sena, uara it-tixuixa ta Watt Tyler, lsiera ma chienx bakagħ fl'Ingliterra.

## XVIII

### It-Takbida ta Agincourt

Is-sèna 1413, laħak sultan tal Ingliterra, Erricu *il-Hamsa*. Fi żgħuritu, chien ftit u xejn moħħ ir-riħ; iżda, malli missieru għalak għainejh, trecchen ġo camartu jitlob il-lejl collu, u ma's-sebħ mâr għamel krara ta ħajjtu collha. Ħafer lil egħdeuua, u ngħażel mill ħbieb il ħżiena li chienu daru miegħu.

L'akua ħaġa li bakgħet tissemma fi żmienu, it-Takbida ta Agincourt *(Agancûr)*, belt minn ta Franza. Is-sultan ta Franza, chien mjet bla uerrieta; Erricu deherlu l'imissu jidħol hu. In-nefka cbira: hu raħan id-deheb; il cbarât biegħu ħuejjiġhom; colħadd għân ruħu mill actar. F'kasir żmien, għadda il baħar u sâb ruħu kuddiem is-suar ta Harfleur bi tletin elf ruħ miegħu. Uara mblocc ta ħamest iġmjiegħ, fetħulu li buieb, u hu daħal rebbieħ: imma, nofs in-nies tiegħu, chienu mietulu. Minn hemm, telak għall Calais: it-12,000 ruħ tiegħu riedu jieħduha mal 100,000 cavalieri tal egħedeuua.

Iżda, daun it-12,000 ruħ talbu l'għajnuna t'Alla: Erricu riedhom iħejju ruħhom bil krâr, u dac in-nhar colħadd samagħ il kuddies. Chien sebħ il 25 ta ottubru, nhar San Crispin u San Ġuann ta Beverley. Saret talba kasira l'Alla, lil Ommu u lil San Ġorġ. Erricu għàjjat: " Bandieri, imxu ! " Ix-xuejjaħ Sir Tumas Erpingham, bil ferħ, tàjjar il ħàtar tiegħu minn idejh. Is-suldati ingliżi, xteħtu għarcubtejhom,

bausu l'art, raddeu is-salib, u reġgħu kamu u marru għall fuk l'egħdeuua. L'arcieri bdeu iuaddbu il vlegeġ tagħhom bil għakal : il Franciżi gibdu għall fukhom b'iż-żuiemel, u il vlegeġ laħkuhom. Dmija, żuiemel jiżbru u jonfru ; nies u żuiemel jiġġarrfu ; għajjât… iż-żuiemel franciżi għoddsu geuua 't-tajn li l' Ingliżi chienu ġàbru ma xatt ix-xmara. L'Ingliżi dlonc xeħtu il kaus uara daharhom, xteħtu ġo nofshom, u kattgħu taktiegħa b'is-sjuf u l'imnanar.

Il Franciżi ressku minnufih it-tieni taksima u l'oħrajn tgħezz'zu chif setgħu. Trid tara l'Erricu ! Dakka ta sejf : " Sant Eduardu ! " dakk'oħra: "San Ġorġ !" daun ellemu ; u fuk li standardi, ix-xbieha ta daun il kaddisin, u ta't-Trinità u ta Sidtna Maria. It-tielet taksima ħarbet bla ma geu fl'idejn. B'collox, Ingliżi mietu mal 1,600 ruħ; Il Franciżi tilfu fuk l'10,000.

Erricu, uara din it-taktiegħa, hu u idur mal camp ltaka' ma Franciż, u staksih : " X'ismu dac il castell ta dic il għolja? " Dan uieġbu: " Ta Agincourt. " U Erricu kâl : " Mela, it-takbida ta 'l-lum tibka tissejjah ta *Agincourt!* " B 'tifchira ta hecc, mela, l'Ingliżi chienu semmeu *Agincourt*, uaħda mill frejgati tagħhom, li snîn îlu għaddiet minn Malta.

Chienet rebħa cbira tasseu, għaliex il pirġunieri Franciżi chienu bosta actar mill Ingliżi li ħarbtuhom. Dak chemm ferħet l'Ingliterra, Nhar San Ġuann ta Beverley bdeu iħarsuha bħal tal precett.

B'din ir-rebħa collha, iżda, Erricu ma chellu ebda jedd fuk Franza ; u hu jaħti għall guerer l'oħra li seghlu fi Franza : drabi l'Ingliżi rebħu ; oħrajn, bakgħu tellefin.

## XIX.

### Giuanna d'Arc

Ħabta tal 1420, dan Erricu *il-Ħamsa* laħak sultan ta Franza ucoll, bejn għaliex rebbieħ f'xi guerer, u bejn għax chien żeuġ Catrina, bint is-sultan ta Franza, li ma chellux ulied oħra. Erricu mjet fil bìdu tal 1422, u uirtu ibnu Erricu *is-Sitta*, tarbija ta tminn xhur. Iżda, chien imexxi collox id-duca ta Bedford, ħu missieru. Nkala' uieħed, Carlu *is-Sebgħa*, u ried igħid li hu is-sultan ta Franza: haun bèda il ġlied. Il Franciżi żammeu miegħu; u l'actar fosthom, xbejba ta 19 il sèna, jisimha Ġuanna d'Arc,* bint il fakar. Din ħabbrithom li hi mibgħuta mn'Alla biex teħles il Franza minn taħt idejn l'Ingliżi (1429). Din telgħet kuddiem Carlu u ħadet is-sensja minn għandu biex teħodha mal egħdeuua. Libset ta guerrier, ricbet żiemel, u bi standard abjad ġo idejha, tmexxi il Franciżi lejn Orleans. Din il belt chienet mbluccata mill Ingliżi: Ġuanna tifred minn ġo nofshom b'in-nies tagħha, tidħol il belt. Il general ingliż, il conti ta Suffolk, ħtieġlu jitlak l'imblocc u jinġàbar. Il Franciżi ħarbu għall urajhom; jinstàma leħen ix-xbejba: " Imxu, l'aħua, la tibżgħux; Alla rħiehomlna f'idejna! " U hecc chien: l'Ingliżi tilfu.

---

* *Fost daun il ħafna "Cotba tal Mogħdija taż-Żmien" għandcom ucoll ta "*Ġuanna d'Arc*" (in-Nru. 89), il fih issibu il ġrajja tagħha collha u chif rebbħet l'egħdeuua ta Franza.*

Fl-17 ta Lulju, Carlu xedd il curuna ta Franza fil belt ta Reims. Ġuanna chienet magenbu. Kaltlu : " Minn għalja, li chelli nagħmel, agħmiltu : ħallini, issa, immur f'dâr missieri nirgħa l'ingħâġ bħalma dari. " Carlu, iżda, riedha tibka miegħu. Igħaddu ftit xhur, l'imsejcna taka' taħt idejn l'Ingliżi, u daun ħaduha fil belt ta Rouan. Għamlu ħakk minnha chif dehrilhom, għaddeuuha ta saħħara u ta makluba, u katgħuhielha għall ħuggieġa. Ħarkuha ħajja it-30 ta mejju tal 1429, fil misraħ ta's-sûk ta Rouan.

## XX.

### Il Uardiet Bojod u il Uardiet Homor

Enricu *is-Sitta* trabba tifel tajjeb chemm tridu, mogħti għall ħuejjeġ t'Alla, miġbud għall ħniena, u chien maħbub mill Ingliżi. Fl'1454, giet fuku marda cherha u rasu bdiet tħallih. Nkalgħu tnejn igħidu illi il curuna tmiss lilhom: il uieħed, Beaufort (*Bofòr*) duca ta Somerset ; l'ieħor, Ricardu Plantagenet duca ta York. L'Ingliżi, mîn żamm mal uieħed, u mîn mal ieħor : fuk dan nkala' taħuid cbir u ġlied u ktîl d'Ingliterra.

Darba uaħda, żmien il uard, il barunijiet ngemgħu fi ġnien ma xatt it-Tejms. Somerset katagħ uarda ħamra, u kâl ; " Mîn iżomm miegħi, jagħmel bħali !"

Il baruni ta Warwick, li chien iżomm ma ta York, u l'oħrajn bħalu, katgħu uarda bajjda: fuk hecc, din tal uard abjad u il uard aħmar, bħala uirja ta mîn iżomm mal uieħed jeu mal ieħor, ħil bosta taktiegħât ta bejniethom l'Ingliżi.

Issa, Erricu is-VI u martu Gherit, chienu żammeu mal uarda il ħamra, u daun chienu kalgħu taptipa f'Hexham. L'imsejcna Gherit chellha taħrab b'binha iż-żgħir magħha biex ma joktluhiex. Chif tbegħdet, jaħbtu fukha ħafna ħallelin. Serkulha id-deheb ta fukha; u minn fuk, uieħed minnhom silet is-sejf u kallha: "Jec: titniffes, noktloc!" Għerit xteħtet għarcubtejha, titlobhom ma jaħkrulhiex lil binha. Fil uakt, il ħallelin ħitlu ġlieda bejniethom fuk li chienu serku, ħarġu is-schiechen u bdeu jatu. Malli rât id-dmija, kabżet fuk sakajha, kabdet il binha u ħadd actar ma raha.

XXI.

### Gherit u il Halliel

Gherit bakgħet sejjra b'binha mħaddan magħha sa daħlet f'bosc iuaħħax, għaliex bejta tal ħallelin u nies bla ruħ. Kabadha bìża cbir; coll fergħa ta siġra taħsibha ħalliel ser jislet is-sejf fukha. Timxi, timxi; ħin bla uakt, minn uara zocc ta siġra, tilmaħ f'id-daul

ta kamar jinkala' ragel gejj għall fukha. Minn lbiesu u mill bixla tiegħu, għarfitu li chien ħalliel; kamlet kalbha, kalet bejnha u bejn ruħha: "Jecc għandu tfâl, naħbat tajjeb!" Kaltlu hecc: "Xbin, kollox hniena minni, f'gieħ Alla. Jiena is-sultana tal Ingliterra. Jecc trid toktol lili, oktolni; lil ibni taħkrux, jaħasra! Ibni, bin is-sultan. Eħilsu int minn idejn l'egħdeuua tiegħu, u Alla jaħfirlec!"

Dmugħ is-sultana, rattbitlu kalbu dac il chiefer. Kabad f'it-tifel mn'idu, ommu miexja urajhom, u ħbiehom geuua għâr. Gibilhom x'jieclu, u żammhom homm tlet ijiem, sachemm geu ħbiebhom għalihom. Dac il għâr bakgħu *sa*'l-lum igħidulu "*Għâr is-Sultana Għerit.*"

## XXII.

### Meut chiefra ta zeugt itfâl

Is-sèna 1483, mjiet is-sultan Duardu *l'Erbgħa*, u ħalla żeugt itfâl: il cbir jismu bħalu, ta tlettax il sèna, u l'ieħor ta għaxra, duca ta York. Duardu chellu ħuħ jismu Ricardu, u dan ħallielu jieħu ħsiebhom sa jiebru.

Imma, Ricardu nzerta ta kalbu ħażina u rgħib għall aħħar. Chien ħotbi, u daks chemm chien ħażin minn geuua, dakshecc ieħor ma chienx isaħħrec minn

barra. Ħaseb u ra, mela, li jieħles mn 'ulied ħuh, bil fehma li jilħak sultan hu: giebha fejn ried, bil cheffrija u il ktîl. Serakhom minn taħt idejn ommhom, u għalakhom ġo'l ħabs li għâdhom sa'l-lum igħidulu it-*Torri ta'd-Dmija*.

Ricardu xerred din ix-xniegħa: "Dac Duardu bin ħija, xejn ma jinkala'; donnu ibleh; u tgidli kalbi li meta jicber, icun ta kalbu ħażina u jaħkar bil bosta lil Ingliżi. Jien ma għandix moħħ it-taħbit; imma, jecc jidhrilcom, immidd għonki u nsir sultan. Dan nagħmlu għall gîd tagħcom; jien taħbit icolli."

Issa dan tiegħu, chien collu ghideb u tnassis. U mîn jâf chemm bichi bcheu dauc l'imsejcnin ta żeuġt itfâl, mixħutin f'kiegħ ta ħabs! dejjem makfulin u maħkura! It-tfâl tħobb titliegħeb; imma, logħob ma chienx hemm għall daun l'aħua: moħkrija u tnehid biss. Għax rħiehom f'idejn ragel bla ħniena, jismu Black Will, kalb chiefra bħal sîdu; u Ricardu chien kallu: "Ħaġa uaħda ngħidlec biss; kîs li ma jaħarbux!"

It-tfâl rauha chif inhi gejja. Darba uaħda, il cbir kal lil ħuh b'kasma ta kalb: "Minn għalija, xejn ma ngħid jecc ma nilħakx sultan uara missieri, chif ħakkni; imma, għall ankas ma joktluniex!" L'imsejcnin ftit chien bakagħlhom igħixu!

L'imfietaħ tal ħabs chienu f'idejn uieħed ragel tajjeb u ħanin, jismu Sir Robertu Brackenbury, li ma chienx iħalli mîn jaħkarhom l'it-tfâl. Ricardu *il Ħotbi* bagħat il uieħed ieħor jismu Sir Ġacbu Tyrrel biex jieħu l'imfietaħ mn'idejn Brackenbury u jara ftit x'sâr minnhom dauc it-tfâl. Issa, Tyrrel mâr, u ħa miegħu żeuġ ħallelin. Meta hu kabad

l'imftietaħ taħt idejh, biegħed lil Brackenbury, fetaħ fejn dehirlu, sejjaħ il sħabu, egħmiżhom, ġagħalhom jitilgħu fuk, u sefsfilhom : " Agħmlu li għandcom tagħmlu ; u eħilsu ! "

Il-lejl. Iż-żeuġt aħua, jaħasra ! chienu riekdin, bí ctieb ta't-talb ma genb rashom, mħaddnin flimchien, ućuh ta anġli, nifsejhom chemm jinstàma u ma jinstamax. Resak lejhom uieħed m'it-tnejn, u kalbu ma tatux. L'ieħor ntebaħ bih ,u kallu : " Chemm int kalbec ċchejjena ! X'inti titbażża ? Ftacar fil chemxa ħôs li sejjrin nakilçħu ! " Fil ħin, kabdu il friex, ħesuh mitui għall bosta fuk ućuh l'imsejcnic, fuku xeħtu l'imħaded u huma irossu fukhom sa katluhom ! U għajjtu lil Ġacbu Tyrrel, biex jara b'għainejh hux collox seuua !

Id-dnub sâr ; issa iridu jaħbuh ! Iżda, jaħbuh mill bdejnin, iva ; iżda, mn'Alla, le ! Ħaffru bilġri ħofra taħt l'aħħar tarġa, u fiha għaġġlu radmu iż-żeuġt iġsma, sħan sħan. Xeħtu fukhom it-trâb li kalgħu, reġgħu kegħdu iċ-ċangaturi, u ħarġu jatu din l'aħbar lil Ricardu.

Meta in-nies chienu jistaksuh lil Ricardu : " Ulied hue, x'sâr minnhom ? " dan chien iuiegeb : " Dauc kegħdin tajjeb ; lil cbir fosthom nagħmluh sultan meta jasal il uakt ! " Iżda, colħadd chien jifhimha li hu keridhom. Il ħsieb ta moħħu, għaddielu ; uara ftit uaruh laħak sultan hu !

Imma, id-dnub le ma jorkod. Bosta snîn uara, Tyrrel, fi żmien is-sultan Erricu is-VII, nchixef li kie- għed imnassas contra tiegħu, u għallkugħ. Kabel meutu, stkarr collox fuk il meut ta'ż-żeuġt itfâl ; u daks mitejn sèna uara, uakt li chien kiegħed isir xi xogħol

f'it-*Torri*, nsabu l' iġsma tagħhom, u difnuhom f'Westminster Abbey.

U Ricardu?... Ricardu chellu guerra ma Erricu Tudor, u mjet fiha (1485). Gismu collu mcasbar b'id-dmija u't-tajn, sabuh taħt il maktulin, għabbeuh fuk dahar ta żiemel u bagħtuh lejn Leicester (*Lester*), fejn ħalleuh jumejn sħâħ bla midfun b'iex jarauh in-nies. Difnuh fil cnisja tal patrijiet ta S. Frangisc; iżda, snîn uara, Erricu *it-Tmienja* bagħat jaklagħ għadmu minn hemm u xeħethom fejn chien chien; u il kabar tiegħu għamluh għajn biex jixorbu minnha il bhejjem! Minn dejjem hecc; it-tajjeb jibkgħu jiftacru fih; il ħażin, ħażin għalih!

## XXIII.

### Erricu it-Tmienja

Sa din il ħabta li kegħdin nsemmu u sa ftit snîn uara ucoll, l'Ingliterra bakgħet uaħda mill isbaħ uardiet tal Cnisja Mkaddsa. Minn bosta mijiet ta snîn kabel, il patrijiet ta San Benidittu chienu għallmu uisk lil Ingliżi: għallmuhom f'ir-ruħ, u għallmuhom ucoll il biedja u is-snajja. Geu urajhom (ħabta tal 1300), il patrijiet tal Mkaddes Frangiscu, u ħadmu uisk fil kasam t'Alla, u l'Ingliżi tjiebu. Fi żmien Erricu is-VII Tudor (1500), il Fidi mkaddsa

chienet xeħtet il għruk fi klub colħadd, għonja u fokra: chienu jatu ġieħ bi ħrara cbira l'it-Tbatija u il Meut ta Sîdna Geżù Cristu, u lil Mkaddsa Ommu Maria. M'is-sultan Erricu sal ankas xuejħa, cont tara lil colħadd bil curuna f'îdu igħid l'użariu u ifaħħar l'Alla. Sa żmien kabel, ħaddiem ir-ràba chien ilsir ta sîdu; dil ħabta, il Cnisja, b'it-tagħlim tajjeb tagħha, bakgħet sa kerditu il jasar.

Iżda, fuk l'Ingliterra chienet kegħda tokrob sħaba sewda, li chellha tgħallieha. Erricu is-VII mjet fl'1509, u laħak urajh ibnu il fostani Erricu it-VIII, ta tmintax il sèna. Dan bèda tajjeb u chien maħbub minn colħadd; iżda, il kuddiem gieb ħsara cbira fuk l'Ingliterra, għaliex firidha minn ħdân il Cnisja Mkaddsa. Dil ħabta, Luteru chien bèda, fil Germanja, igħallem tagħlim ħażin, u kaleb bosta nies miegħu. Erricu it-VIII chiteb ctieb fuk is-Seba' Sagramenti biex iuakkâ li kâl Luteru (1521), u il Papa ta dac iż-żmien, Ljuni X, feraħ uisk u l'Erricu tah l'isem ta *Difensur tal Fidi*, li is-slaten tal Ingliterra għâdhom igibuh sa'l-lum, chif tistgħu tarau fuk il flûs ingliżi, *Fid. Def.*

Jaħasra, ma bakagħx sejjer hecc! Chien iżżeuueġ lil Catrina, armla ta ħuh: uara ftit, xabagħ minnha u ried jiżżeuueġ oħra. Iż-żuieġ ma jistagħx jinħall; u b'dan collu, chellu uiċċ jitlob lil Papa biex iħollu. Il Papa fetaħlu għainejh, żiegħel bih; iżdà, le ma ħallu. Erricu għamel ta rasu; lil Catrina checcieha u iżżeuueġ oħra; mbagħad oħra, u oħra, b'collox sitta, uakt li martu is-seuua chienet għâdha mimliha bil għomor. Minn daun is-sitta, tnejn katilhom, u tnejn begħidhom minnu.

Erricu, mela, ma bakax jisma iżjed mill Cnisja. Uħud mill iskfijiet żammeulu; iżda, hu bakagħ sejjer chif chien. M'hux dan biss; kâl: "M'il-lum il kuddiem, il Papa ma għandux għax jindaħal iżjed fl'Ingliterra; issa il Papa jien : mîn ma iridx hecc, jibdielu sħiħ ! " Sâb xi nies ħżiena li żammeu miegħu, bħalma chienu Cranmer u Masu Cromwell. Uakaflu biss Ġanni Fisher (*Fixer*), iskof ta Rochester, u ħallasha kares; għallkuh ġo'l ħabs ta't-Torri, lilu u lil Sir Tumas More, li chien msemmi minn colħadd għall għerf u it-tieba tiegħu.

Ħaun issa bèda jixxerred id-demm. L'euuel uieħed li uieħel, chien l'iskof Fisher. Il Papa Paulu it-III chien għâżlu cardinal. Erricu, meta semagħ, kâl : " Iva ! Paulu jista jibagħtlu cpiepel chemm irid; jien ma nħallilux râs fejn ixiddhom. " Katgħulu rasu u bilġri bagħtuha lil Anna Boleyn (*Ballen*), mart Erricu biex titgħaxxak biha ! Gimgħatejn uara, nkatgħet ucoll râs sieħbu. Urajhom, kàtlu bosta oħrajn; tal ankas, sittin bil ktigħ-ir-râs, u erba' u sittin oħra bil guħ f'kiegħ ta ħabs. Chemm ħakruhom il Frangiscani, fuk li chienu żammeulu sħiħ l'is-sultan! Fosthom, Peyto u Elstone.

Il Cnisja, l'actar imma il cunventi, chellhom bosta raba' fl'Ingilterra. Erricu medd idejh fuk dan il gîd, u f'kasir żmien ħataf taħt idejh xi tletmija u tmenin cunvent b'ir-raba' tagħhom. Ma 'ż-żmien, mbagħd, kered il bkija tal cunventi l'oħra, daura ta mitejn u sittin : għalchemm daun il cunventi chienu il ħajja tal fkîr, għax il patrijiet chienu jitimgħu il fokra collha. Coll cunvent chellu sptâr tiegħu, collox għall fkîr, u ħlâs ta xejn. Ħafna minnhom, tajjruhom bil porvli ;

ohrajn ngħatau lil cbarât li chienu żammeu ma 's-sultan. Cromwell biss, żamm għalih tletin cunvent!

Dan, imma, chienet uaslet segħetu. Chien ndaħal biex jakla għarusa ġdida lil Erricu, u sâblu l'Anni ta Cleves. Erricu ma sabhiex għall kalbu u bagħat jaktagħlu rasu lil Cromwell. Dan talbu ħniena; iżda, għall xejn! Għallankas, mjet ta nisrani, sogħbien minn chemm ħsara chien gieb fuk il Cnisja.

Fl' aħħar ta ħajjtu, Erricu ħxien bosta u ntèla bil mardijiet u il ġrieħi, gejjin m' id-drauijiet il ħżiena tiegħu. Chien dejjem muġugħ u beżgħan; issa jocrob u issa jakbad iheuden u igħajjat: " Il patrijiet! " Kalbu chienet tgħidlu: " Itlob maħfra lil Papa! " Iżda, ta maduaru ma ħalleuhx, għaliex chienu jitilfu collox. F' id-9 ta jannar tal 1547, talab tazza mbit, għainejh nkalbu u carab: " Collox mitluf! " u ruħu ħarget. Chellu 56 sèna, li minnhom chien sàltan 36: fihom, l' Ingliterra tbiddlet bħal lejl u nhar.

# XXIV.

### Elizabetta u Hutha

Is-sultan Erricu chien ħalla tliet itfâl, u it-tlieta saltnu uieħed uara l' ieħor.

L'euuel ma lâħak, iż-żgħir, Duardu *is-Sitta* (1547); dan, ommu chienet Ġanna Seymour (*Gejn Simor*); ma

chellux ħlief għaxar snîn. Sitt snîn dâm sultan, u actarx li katluh b' xi semm. Għâx u mjet protestant; iżda, lil nsara, le ma ħakarhom.

Oħtu il cbira, Mary, bint Catrina, li chienet l' euuel màra li chellu Erricu, chienet u bakgħet dejjem nisranija, għâd li ħuha ħàbrec uisk biex jaklibha miegħu. Meta laħket hi uara ħuha, chellha 37 sèna. Sâr ferħ cbir; daħlet ġo Londra ma oħtha magenbha, u gibdet lejn it-Torri (*ħabs*) biex ħarget il cbârat li chienu magħlukin hemm; ħafret lil colħadd, nsara jeu maklubin. Għamlet li setgħet biex tarġa tuakkaf il Cnisja fl'Ingliterra, bla xejn moħkrija, u xi gîd sâr. Iżda, fixcluha l' egħdeuua; u l' akua fosthom, oħtha Eliżabetta (Bessi) u màra oħra. Mary uriet xi ħruxija, u kàtlet xi nies ucoll; chemm chien icun aħjar chiecu lil daun ħafritilhom bħall sħabhom! It-taħbit żdied u damu sejjrin hecc daks erba' snîn. Mary għamlet f' kalbha, u mardet: u billi tfâl ma chellhiex, għajjtet b' uerrieta tagħha lil oħtha Bessi, uakt li talbìtha ta tiha chelma li tgħix ta nisranija; u dic ħalfitilha li iva. Gimgħa uara, Mary mietet (1558) u magħha mietet il fidi cattolca fl' Ingliterra.

Bessi, bint Anna Boleyn, chellha mal 25 sèna meta laħket sultana. B' id-dieher, bdiet ta cattolca, imma bil moħbi chienet taħdem sħiħ biex tagħmel l' Ingliterra protestanti għall collox. Dac li bèda missierha, temmìtu hi, fl' erbgħin sèna li damet issaltan. Bessi chienet màra minfuħa biha nfisha; imma, mill bkija, chellha dehen u għakal ta ragel, u ħabirchet chemm setgħet biex tcabbar il kauua tal Ingliterra u hi tibka tissemma.

***

Bessi kerdet bosta nsara tas-seuua ; iżda, l' acbar chefrija urietha ma Mary Stuart, karîbtha, sultana ta Scozja. Il protestanti ta hemm, nassu chemm felħu u bdeu jaħmu minn taħt ma Eliżabetta biex il Mary Stuart jiekirduha. Katlulha il żeuġha, ghidbu fukha li katlitu hi, u għalkuha geuua ħabs. Fil 1568, Mary ħarbet, u, ta bla għakal! marret nġàbret għand Eliżabetta. Din għalkìtha mill ġdid geuua ħabs u il ghideb baka' dejjem sejjer.

Tmintax il sèna sħaħ damet magħluka l' imsejcna Mary. Ta 43 sèna xjeħet; xagħarha biadilha kotna; iżda, il ħîla tagħha ma telkithiex. Binha, li taħt idejn il cbarât scozziżi trabba bħalhom, ma kabiżx għaliha biex ma jicsirhiex ma Bessi! U din, biex bħallichiecu tagħmel collox bil ħakk, telleghtha kuddiem l'imħallfin, biex daun igħidu hix ħatja jeu le. Ħolku ħafna carti foloż, u lil Mary ma ħalleuhiex iggib mîn jixhed għaliha. Mary ħaditha ma ħamsa u tletin ruħ mill actar ħajnin u ħauudithom : xejn ma suielha, u fil 25 ta ottubru tal 1586, katgħuhielha għall meut. Eliżabetta, biex ta b' ir-ruħha egħliet, damet ma għamlet minn idejha sa l' euuel ta frâr ta' sèna uara. Mary, iżda, xejn ma ħabitha bi cbira; ħejjiet ruħha għall meut b' it-talb u il għakda m' Alla. Haun talbet kassis biex jiekaf magħha uakt il meut; iżda, le gebuhulha. Għa't-8 ta filgħodu, ħarġuha mill ħabs liebsa ta sultana, b' salib f' idejha. Xejn ma nbidlet meta rât il għodda tal meut : b' leħen sħiħ, stkarret li ma għandha ebda ħtija, ħàfret l' egħdeuua tagħha u talbet maħfra jecc katt għamlet dèni lil xiħadd. Refgħet

mbagħd is-salib il fuk, u kalet daun il chelmiet: "Mulejja, chif dirgħajc chienu mitfuhä fuk is-Salib, hecc issa ilka' lili fi ħdân ħnientec u aħfirli dnubieti." Dlonc resskuha lejn iċ-ċanga, għammdulha għajnejha b'mactur; u ma' t-tielet dakka, râs Mary Stuart tgherb'bet mal art!

Hecc ntemmet Mary Stuart, sultana ta li Scozja. Ma chienitx uħidha li żammet sħiħ fil ligi nisranija; bosta u bosta oħrajn ħadu il meut bħalha biex ma jakilbux għall ligi li ma ru fasslu l' egħdeuua tal Cnisja. Nkerdu b' is-sejf jeu b' in-nâr, tlet mitt raħal, għax in-nies tagħhom ma riedux isiru protestanti: u tgħallku 800 ruħ! Jecc mijiet nkerdu, l' eluf il cbar tilfu gîdhom u rau coll moħkrija biex jibkgħu fi ħdân il Cnisja Mkaddsa: u il għâna tal nsara għadda f'idejn l' egħdeuua tagħhom.

Ninseu għall ftit uieħed din il moħkrija: l'Ingliterra saret kauuija uisk fi żmien Eliżabetta. Żammet maduarha nies li ma għamlux ħlief li riedet hi. Lippu, sultan ta li Spanja, chellu x'igħid mal Ingliż u rama' flotta kauuija, l'*Armada*, biex jitlak jitħallas minnhom (1588). L'Ingliżi il cattolci ma bakgħux l'ura, għalchemm li Spanjoli cattolci bħalhom. Colħadd fetaħ idejh: in-nies ta Londra biss, irmau 10,000 ruħ u tletin biċċa tal guerra. Eliżabetta ricbet iż-żiemel, xiddet sidrija tal azzar u ħeġġ'get il colħadd għa't-takbida. Fil 20 ta lulju, daħlu geuua il Canal Ingliż 130 gifen spanjol, bi 300,000 ruħ fukhom. L'Ingliżi ħarġu jilkgħuhom; u għalchemm ankas mill oħrajn, dejjem rebbieħa. Ikum il baħar, u ruiefen, u xìta; il flotta spanjola tħarbtet, l'igfien tchissru mal art. L'Ingliżi ma rħeulhomx; tau in-nâr colfejn laħku. U bil ftit

lakx li bakagħlu, l'armirall spanjol rħielha lejn li Spanja jati l'aħbâr lil Lippu li il flotta ntemmietlu.

Eliżabetta mietet erbatax il sèna uara.

## XXV.

### Sir Philip Sidney u Sir Walter Raleigh.

Sejjer issa nsemmîlcom fuk tnejn mill akua nies ta żmien Eliżabetta.

Sir Philip Sidney, ragel maħbub minn colħadd għall ħleuua u it-tieba, u għall għerf u il kalb cbira tiegħu. Eliżabetta chellha xi tgħid mal Olandiżi, u bagħtet lil general Sidney b'ħafna suldati krîb il belt ta Żutfen. Sidney tħâbat chemm felaħ, ara chemm li mietulu żeuġ żuiemel taħtu bil balal. Richeb it-tielet żiemel u ràġa għa't-takbida: iżda, fl'aħjar, tolktu balla f'uircu u ticsirhielu. Uieħed m'is-suldati tiegħu, mâr kabad iż-żiemel m'ir-riedni u saku l'ura. Sidney chien uiċċ ta mejjet: dmija ħergin minn uiċċu, ħalku niexef bil għaċċ: talabhom katr'ilma. Neuululu żîr ilma; fil uakt li kiegħed iressku mlebleb lejn fommu, nzertau għaddejjin b'suldat midrub għall meut. Is-suldat lemaħ iż-żîr u bèda jixxennak, mlebleb hu ucoll b'in-nixfa. Sidney ntebaħ, u bla ankas laħak djek l'ilma, uarrab iż-żîr minn xuftejh, neuulu l'is-suldat, u kallhom: " Msejchen ta ragel! iskugħ,

għax actar minni jinħtieġlu l'ilma ! " Sir Philip mjet u colħadd bchieh. Ħadu gismu u difnuh fil cnisja ta San Paul ta Londra.

Xejn le ankas minnu chien Sir Walter Raleigh (*Roli*). Darba uaħda, Elizabetta chienet nieżla lejn ix-xmara biex titla fuk il gondla tagħha, u ngemgħet bosta nies biex taraha għaddejja. Fost l'oħrajn, nzerta hemm żagħżugħ sabieħ u mżejjen, u chellu fuk dahru mant tal bellus, il ġmiel tiegħu. Għadda kuddiem colħadd biex jara seuua ; u fil uakt ntebaħ li hi uakfet kuddiem għadira tajn, għaliex ma rieditx tcasbar sakajha. Lau iż-żagħżugħ li chien Sir Walter Raleigh, x'jagħmel ? Jakbeż kuddiem, jakla il mant minn fuku u jifirxu fuk il għadira. Elizabetta stħât; tbissmet tidħac, u għaddiet minn fuk il mant.

Raleigh chien minn tagħna, moħħu jilħaklu u kalbieni. Chien iħobb isiefer fil bogħod : chien hu li daħħal fl'Europa il patata u it-tabacc mill Amerca. Chellu l'oksma fl'Irlanda, u żàra fihom il patata ; u minn dac iż-żmien, din bakgħet l'akua ichel ta l'Irlandiżi.

Isimgħu xi ġralu darba b'it-tabacc. Seu chif chien idaħħan it-tabacc f'pipa tal fidda, uieħed minn nies li miegħu, gieblu jixrob kannata birra. Issa, dal bniedem ma nzerta katt ra mîn ipejjep; u meta lemaħ idduħħan ħiereġ minn ħalk sîdu, ħasbu ked jinħarak; xeħitlu fuku il kannata birra u ħareġ jiġri igħajjat : " Isau, ejjeu, għax is-sinjur ked jinħarak ! "

## XXVI.

**Ftehima chiefra**

Dauc li chienu îlhom jixtiekuh is-slaten tal Ingliterra, seħħ fl'1603, mèta Ġacbu is-sultan ta Scozja laħak, uara Eliżabetta, sultan tal Ingliterra ucoll: hecc, iż-żenġt artijiet geu taħt sultan uieħed.

Dan Ġacbu, bin Mary Stuart li semmejna, chien protestant u bèda jaħkar il cattolci b'taxxi jiebsin: fuk hecc, x'uħud għamlu f'moħħhom li joktluh.

Bertu Catesby chien uieħed minnhom. Dan, kalb ħażina, ħaseb u ra l'itajjar id-Dâr tal Parlament b'is-sultan, il lordi u b'in-nies l'oħra chif jinzertau hemm miġmugħä. Ftiehem ma sitt' oħra bħalu, u bakgħu li fosthom Guy Fawkes għandu jati in-nâr. Dan chellu isir fil bìdu ta novembru 1605, minn xi cantini taħt il Parlament, fejn chienu ħażnu bil moħbi il crietel tal porvli. Catesby resak ikerr għand Greenway u għand Garnet, giżuiti, u kallhom x'fiħsiebu jagħmel; imma, dauc fetħulu għainejh u kalulu li ma jisuiex: iżda, jicxfuh ma setgħux mħabba fil krâr. Tresham, uieħed m'is-sebgħa, tħajjar imur igħarraf lil lordi nsara bil confeffa biex jieħlishom mill meut; u haun nchixef collox, għax chif ltakgħu hemm, il uieħed uera l'ittra ta Tresham lil ieħor. Jinżlu dic is-siegħa ifittxu fil cantini, u jarau il Fawkes dieħel il bieb, b'id-daul u'l miceċ f'idejh, u isibu tnejn u tletin cartell porvli moħbijä. Dan ġàra il-lejl ta bejn l'4 u il 5 ta novembru 1605. Mîn hecc u mîn hecc, kerduhom ilcoll;

minn fuk, ueħel magħhom il giżuita Garnet, għaliex ma riedx u ankas satagħx jicxef li chien samagħ fil krâr; miegħu ntemm ucoll giżuita ieħor.

Din hi il *Confeffa tal Porvli (Gunpowder Plot)* li għâdha tissemma, u li uaħħluha fuk il cattolci collha, għâd li f'din il ftehima ma chienux mdaħħlin ħlief sittax ir-ruħ, u l'oħrajn stkarreu li Fawkes u sħabu chienu għamlu ħażin: imma, fukhom l'insara żdiedet il moħkrija xorta uaħda!

XXVII.

**Il Meut ta Carlu l'Euuel**

Carlu *l'Euuel* chien bin Ġacbu li semmejna; laħak sultan fl'1626, f'is-26 sèna tiegħu. Chien iħobb jagħmel ta rasu, bla ma ikîsha xejn, u ħakar lil colħadd b'it-taxxi. In-niès uakfitlu u sa fl'aħħar kamet għalih. Tlet snîn dâm iħabbat; fi'aħħar, Olivieru Cromwell sebku.

Dan Cromwell chien ragel kalil, rasu jiebsa, kalbu ħażina. Carlu ħtieġlu jaħrab; bilġri, is-suldati li chienu iżommu ma Cromwell, telku ifittxuh. Is-sultan il maħrub bâta il ġuħ; ma'l-lejl chien jieħu nagħża taħt is-siġar, kalbu dejjem ittaktak li ma imorrux għalih; katagħ kalbu, ntelak f'idejn l'egħdeuua. Sâb mîn ħenn għalih; iżda, Cromwell u in-nies tiegħu

rieduh mejjet. Għaddeuh, mela, b'ħâti biex jagħmlu ħakk minnu għall għainejn in-nies ; ħadd, imma, ma ried jagħmilha ta mħallef tiegħu. Cromwell kâl : " Iva ? Mela, mħallef jien ! "

Huma u sejjrin bih Westminster, is-suldati bdeu jiddieħcu bih u jimbxuh bl'armi. In-nies li chienu f'it-triekât u jarauh għaddejj, għadrugħ u tħassruh ; iżda, ħadd ma chellu il ħîla jidħol għalih, il għaliex Cromwell chien jista uisk. X'uħud raħħmulu: " Alla jieħilsec minn idejn l'egħdeuua tiegħec ! "

Cromwell dâm jagħmel ħakk minnu sebat ijiem u mbagħd katagħħielu għall meut. Dac il-lejl, l'aħħar ta ħajtu, chien chiefer uisk għalih; ma chienx jinstama ħlief it-tismir tal forca. Gebulu iż-żeuġ uliedu iż-żgħar biex jarahom l'aħħar darba. Eliżabetta u ħuha nfexxeu jibcu : x'għajnuna, iżda, setgħu jatu lil missierhom ? Carlu sabbarhom chif satagħ, u kallhom : " Jien naħfrilhom lil daun li sejjrin joktluni, u nitlob l'Alla jaħfrilhom m'is-sèma ! "

Tallagħ, mbagħd, l'ibnu f'ħoġru, u kallu : " Ibni, sejjrin jaktgħu râs missierec, u għandhom mnejn iridu ilaħħku lilec uarajja. Isma minni; ifta' għajnec tokogħdilhom, sachemm jibkgħu ħajjin ħutec, Carlu u Ġacbu!" Uieġbu ibnu: " Le, missier, katt; ankas jecc ikattgħuni ! "

Għadda dac il-lejl kalil; sebaħ ! Chienet ir-reżħa, u is-silġ collimchien. Carlu libes għall kmîs tnejn : " Għaliex, " kâl, " ma 'rridx nitriegħed bil bard, u imorru jaħsbu li kiegħed nitriegħed bil bìża ! " Ma'l-lejl ma chienx dâk xejn. Chien miegħu l'iskof Jukson isabbru. Dan kallu: "Tâf chemm îlec ma tiecol? Daks chemm hu bard, aħjar tieħu xiħaġa, għaliex nchella

togħxa. " U Carlu chiel xi ħaġa u xorob tazza mbit. Kâl mbagħd : " Jien ħejjejt ruħi; ejjeu issa għalija, ja kattielin!" F'is-siegħa, xerrfuh m'it-tieka, u haun isîb kuddiem għainejh fukiex chellhom jaktgħulu rasu. Kauua kalbu, tà dakka ta għajn oħra, u ma lemaħx ħlief suldati u laneż u mnanar u sjuf. Il hinn minnhom, ħafna nies miġmugħa; iżda, mnejn chienu, ma setgħux jisimgħu x'jingħâd. Carlu korob lejn il bojja, urih b'îdu iċ-ċanga, u kallu: " Kegħidha seuua li ma titħarriclicx. Issa ħallini nitlob talba kasira, u meta nxejjirlec îdi, niżżel id-dakka. U talab, rafa' għainejh lejn is-sèma, kagħad għarcubtejh u mejjel rasu fuk iċ-ċanga. Għadda ħin uieħed ; Carlu xejjer îdu, il mannara niżlet, u rasu tgherbet! Colmîn chien jara, tnieħed u tchexchex ; u colmîn samagħ b'dil meut, bakagħ jitchexchex għall għomru.

Lil Carlu katgħulu rasu it-30 ta jannar ta's-sèna 1649 ; chellu 49 sèna.

# XXVIII.

### Il Ħarba ta Carlu it-Tieni

" Ma hemmx le slaten iżjed; ma hemmx le cbarât iżjed ; il-ligijiet nagħmluhom aħna. Issa, l'Ingliterra repubbblica ; issa jaħchem il poplu, jeu mîn għandu ħîla igħid li hu il poplu. "

Daun cliem Cromwell li semmejna u li kabad collox taħt idejh. Neħħa is-slaten, iva; iżda, biex jaħchem hu; u fi żmienu, l'Ingliterra chienet mħauuda uisk. * Is-saltna tmiss lil Carlu *it-Tieni*, bin Carlu *l'Euuel*. Imma, Cromwell uakaflu. Carlu niżel ma ktajja cbâr ta Scozziżi fl'Ingliterra, saret takbida cbira bejn innies tiegħu u is-suldati ta Cromwell f'Worcester; tilef chemm nies chellu u ħtieġlu jaħrab.

Ħtieġlu jaħrab, iva, u m'hux ta b'xejn! Cromwell xerred din ix-xniegħa: "Elf lira mîn jakbad il Carlu jeu jitchixxef fejn jinsâb; mîn jaħbih, naktagħlu rasu." Dac il-lejl, Carlu għaddih riecheb, u ma's-sebħ sâb ruħu f'nofs ta kasam, jismu Boscobel. F'dan il kasam, chienu jokogħdu ħamest aħua, cunjomhom Pendrell, ichissru il ħatab, fokra, iżda kalbhom marbuta ma's-sultan tagħhom. Lord Derby, li chien ħarab ma Carlu, mâr isîb lil uieħed minnhom, u kallu: "Willy, is-sultan haun, tafx; ħudu ħsiebu u eħilsuh mill egħdeuua tiegħu; f'idejcom hu!"

Issa, dac il-lejl chienet niżlet xìta kauuija; iżda, l'aħua Pendrell gebulu il għàta biex jisħon, u tauh x'jiecol u jixrob. Iżjed; il għàdu chien fil korob; u Carlu ried imur il Wales, biex jinħèba aħjar fl'iġbla ta hemm. Biex imur f'Wales, chien jaħtieġlu igħaddi ix-xmara Severn; u ix-xtajjta ta'x-xmara u il ħnejjiet biex tgħaddi minn naħa għall oħra tagħha, chienu miżgħuda bil ġlecchijiet ħomor ta Cromwell. X'għamlu daun l'aħua Pendrell? Libbsuh bħall uieħed minn-

---

* *Fil ctieb "Għamja li tara" (in-Nru. 35 tal "Cotba tal Mogħdija taż-Żmien") issibu ħafna fuk Cromwell u żmenijietu.*

hom, casbrulu idejh u xeddeulu żarbun oħxon ta'x-xogħol. Uieħed minnhom, Dick, mâr kabbdu it-triek; iżda, għalxejn, għases collimchien; u tarġa, la dgħajjes biex jifred ix-xmara, u ankas cajjicchi. Chellhom jierġgħu l'ura bil kalb it-tajjba lejn Boscobel, f'id-dlam ta'l-lejl, kalb rdajjem u sisien u tiġrif. Iż-żarbun oħxon li tauh lil Carlu, selaħlu sakajh; imma, ħtieġlu jitkanna bih u jimxi sa uasal u nħeba.

Carlu ltaka' hemmec mal curunell Careless, ħabib tiegħu, u ferħu b'xulxin. Fil uakt, jisimgħu ħsejjes cbar ta xuabel u gìri ta żuiemel : chienu is-suldati ta Cromwell ; żmien xejn x'jitilfu ! Fil korob, lemaħ siġra tal balluta ; it-tnejn ixxabtu magħha u staħbeu kalb il uerak. U billi nzertât bil uerak bosta, l'egħdeuua għaddeu minn taħtha, u m'hux ta ftit li ma ntebħux bihom ! Semgħuhom igħidu : " Hecc, d'in-naħa jinsâb, u ħażin għalih jecc nakbduh ! " Moħbi fuk din is-siġra, Carlu iddauuar jumejn sħâħ ; l'aħua Pendrell tellgħulu l'ichel u mħadda. Chien îlu ma jorkod lejltejn : l'egħja għalbitu ; medd rasu f'ħoġor sieħbu, u rakad.

Dâm tlet ijiem oħra għand dauc l'aħua ; ħ'aħħar ra li m'hux kgħâdu, b'dauc il ħafna suldati jiggereu u ifittxuh. Uieħed minn ta Pendrell mâr ftiehem ma curunell Lane, illi bintu Ġannina chienet sejjra Bristol, u bakgħu li Carlu imur iuassalha, jagħmilha ta seftur tagħha. Biddel il-lbiesu, richeb żiemel u riccheb urajh il Ġannina, għaliex dac iż-żmien hecc chienet id-drauua. Ma't-triek, iż-żiemel tilef nagħla : chif jimxi? Laħku nagħgħâl, u uakkfu biex inegħlil-hom iż-żiemel. In-nagħgħâl, hua u jaħdem, staksie-hom : "X'għandna mill ġdid ? Il dac il ħâli ta Carlu

Stuart, għâdhom ma kabduhx?" Uieġbu dac li chien liebes ta seftur : " Le, għâdhom ; imma, għandi fehma li meta jakbduh, jaktgħulu rasu!" Kabeż l'ieħor, bla ma katt ħolom li chien jitchellem ma's-sultan tal Ingliterra : " U jien ucoll ! "

Ħabt'oħra, laħku tverna, u maduarha għeġuegija suldati. Jecc jaħbat jarġa l'ura, iħassibhom; mela, sûk, icun l'icun ! Uebbes uiċċu, niggheż iż-żiemel, u fired minn geuua nofshom. Kalulu : " Chemm int bhima! Ara fejn issuk ! " U ħelisha b'uiċċ il gîd, għaliex ma għarfuhx.

Minn hinn, telak lejn Franza, u mbagħd nġàbar l'Ulanda, u hemm bakagħ sa mjet Cromwell, u l'Ingliżi bagħtu għalih. Daħal Londra f'id-29 ta mejju tal 1650, għluk sninu, u sâr għors cbir. B'tifchira ta dic il balluta li fukha chien staħba. colħadd uaħħal fil cappell uerka tal ġandar ; u l'Ingliżi bakgħu sa il-lum, id-29 ta mejju isemmuh *Nhar il Balluta ta 's-Sultan* (*Royal Oak*) ; u b'tifchira ucoll ta hecc, snîn îlu semmeu *Royal Oak* uaħda mill isbaħ frejgati tagħhom.

## XXIX.

L'Amerca

Fi żmien Ġorġ *it-Tieni*, ħàbta tal 1750, nxegħlu guerer cbar fl'Europa: l'Ingliterra ma setgħetx ma tindaħalx. Ħames snîn uara, 1755, kamet il guerra *ta's-Sèba Snîn*, din bejn l'Austrija u il Prussja: Franza żammet mal uaħda u l'Ingliterra ma l'oħra. Fl'Amerca-ta-Fuk, Il general Wolfe, fl'1759, ħàchem il Canadà minn taħt idejn Franza, u minn hemm il haun bakgħet tagħmel mal Ingliterra. L'Ingliżi rebħu fl'Indja ucoll. Fl'aħħar saret il paci ta Versailles fl'1760, u l'Ingliterra sefgħet sidt ta bosta artijiet.

Sentejn kabel, chien laħak ministru uieħed żagħżugħ, William Pitt: rasu ittih, lsienu jakta, iħobb il pajjiżu u jimxi bla ma igħauueġ. Moħħu ried icun, biex l'Ingliżi rebħu bl'art u 'l baħar. Ministru akua minnu, katt ma chellha l'Ingliterra: b'it-trigija tiegħu, għaccset il Franza ma'd-dinja collha; il cummerċ għadda uisk il kuddiem fl'Indja u fl'Amerca.

Daksu sueulha lil Ingliterra, duar dic il ħàbta ucoll, tlieta minn nies oħra: Watt, Arkwright u Brindley. Isaac Watt, bil mâgna tal vapur; Arkwright, li chien dakxejn ta parrucchier, bil mâgna l'iddokk it-tajjâr; u Brindley, billi għamel il Bridgewater Canal. Għall euuel, in-nies iddieħchet bihom, u għaddeuhom ta mgienen: il-lûm jidher x'chienu. Actarx dejjem hecc!

L'Ingliterra chienet îlha ħamsin sèna tigguerra, u id-dejn tagħha chiber bosta. Sa għaxar snîn kabel, chien laħak tmenin miljun lira. Fl'1765, il ministru

Lord Rockingham, ħaseb u ra li biex itaffi ftit minn dan id-dejn, jinħtieġlu iuicchi lil colonji tal Amerca-ta-Fuk, sehem m'it-taxxi tal Ingliterra. L'Americani ma riedux jisimgħu b'taxxi, u ftiehmu li ebda ħaġa ma jixtru iżjed milli isir fl'Ingliterra, kabel ma titneħħa din il-ligi. Żammeu chelmthom, u hecc bdiet ir-*Rivoluzzioni americana*.

Il guerra xegħlet fi'1755, u sèna uara l'Americani ħalfu : " Mal' Ingliterra ma għandniex x'naksmu ! " Għamlu general tagħhom il Washington, ragel kalbieni u ta għakil cbir. Franza żammet magħhom, u ħaduha ma l'Ingliż ; u fl'1779, ndaħlu ucoll Spanja, Ulanda, li Svezja, id-Danimarca u ir-Russja. Fuk il baħar, l'Ingliżi rebħu lil Franciżi u li Spanjoli ; u lejn ix-xtût tal Ingliterra, ħadd ma chellu ħîla jiersak ; iżda, fl'art tal Amerca, l'Ingliżi marru ħażin ; katgħu kalbhom u ftiehmu li jierħulha.

Lord Chatam, dac Pitt li semmejna, chien għâdu ħajj. Għâd li xuejjaħ u marid, x'ħin samagħ b'dan, saħan u stembaħ. Ġagħalhom jieħduh il Parlament; u tchellem chif chien jâf jitchellem, u chexchex lil colħadd. L'aħħar chelmiet tiegħu, daun : " La aħna f'id-dakka, niżfnu ; iżda, katt le nerħulha lil Franza. Nagħmlu chemm nistgħu ; jecc għandna nakgħu, nakgħu talankas ta rgiel ! " Tatu bħal rakd ir-ruħ ħaduh daru ; u ftit uara, mjet.

Fl'aħħar, fl'1783, ftiehmu bejniethom ; l'Ingliterra telket il colonji americani, mill Canadà l'isfel sal Florida u tuakkfet bihom ir-Repubblica ta li Stati Uniti.

## XXX.

### Lord Nelson

L'actar bniedem kalbieni, fost l'akua baħrin li chellha l'Ingliterra f'daun iż-żmenijiet, chien Lord Nelson. Chien għâdu dakxejn ta tifel ta tnax il sèna meta nchiteb għall fuk iġ-ġfien; chien isaħħar il colħadd bil ħleuua u il ħîla tiegħu; ferħan dejjem u ma jibża minn xejn.

Fi żgħużitu, chien dâr id-dinja bi ħġârha. F'kasir żmien, laħak cmandant ta gifen. Dejjem kalb in-nâr; darba tifel għajn, u darb' oħra balla ħaditlu driegħu ; imma, b'dan collu, dejjem minn kuddiem f'it-takbida, u dejjem idauuar uiċċu l'aħħar uieħed.

U katt le ma chien jibża mill guerer. Arau x'għamel f'Copenhaghen, fejn giè fl'idejn mal Franciżi. Żeuġ ġfien ingliżi marru l'art, u l'armirall Parker kâl : " Nelson issa ma jista jagħmel xejn !" u talla' il bandiera li fisser : "*Jiekfu minn nâr.* " Nelson, is-sinjal lemħu, bla xejn ma kiesu; bakagħ jati għall xogħlu, għaliex jirbaħ ried. Il hena tiegħu, in-nâr; għainejh chienu jiddu bil ferħ x'ħin jisma il canuni ifakkgħu u jara il ħbula u il-lakx jittajjar. Fil uakt, tolkot balla ma arblu u tfarrcu. Nelson daħac u kâl : " Il kiegħa saħnet; imma, ma'rridx id-dinja chif iddur, u ma ncunx f'din iż-żifna !"

Parker râġa talla' is-sinjal biex jituakkaf in-nâr, u il fizziali kalulu lil Nelson. Râġa daħac ; uaħħal ittromba ma għajnu l'għamja u uiegibhom : " M'iniex narah da's-sinjal li tgħidu ! Tâf x'hemm mill ġdîd;

tellgħu is-sinjal l'ieħor l'ifisser *Terħu xejn,* erħulu jittajjar ma'r-riħ, sammruh mal arblu; sammruh, smajtuni! " U giebha fejn ried; rebaħ l'egħdeuna u keridhom. Minn dac in-nhar, Nelson laħak Armirall tal flotta ingliża.

L'aħħar li deher Nelson, fi Trafalgar, bisuit l'art ta Spanja. Katgħa ġfien franciżi u spanjoli chienu sejjrin lejn l'Ingliterra biex iniżżlu in-nies fukha: Nelson samagħ u ħareġ għalihom bil ġfien tiegħu, u ltaka' magħhom kuddiem Trafalgar. Ma tilifx żmien ir-ragel: bèda in-nâr ħin bla uakt. Haun kâl l'in-nies tiegħu: "L'aħua, jecc nirbħu, l'egħdeuua ma jirfsux l'art tagħna." Iżda, donnha kalbu ħebritu li chellu imut dac in-nħar.

Il captan Blackwood mâr jieħu l'ordnijiet minn għandu. Nelson kallu: " Blackwood, Alla iżommoc kauui sħiħ; imma, jien ma naracx iżjed! " Dac neħħielu minn rasu. Tafu x'ordni tah? " Talla is-sinjal l'ifisser *l'Ingliterra tifhem li il-lum colħadd jagħmel l'imissu.* " Xedd il-lbies tiegħu ta armirall, u xeħet fuk sìdru chemm midalji u slaleb chellu. Niesu kalulu: " Armirall, neħħi, jaħasra, dac it-tlellix minn fukec: âf, jagħarfuc, jagħmlu għalic, jiġbdulec!" Uegibhom: " Le; bil ħîla u il giħ rbaħthom; bil ħîla u il gieħ immut bihom fuk sìdri! "

U in-nâr sejjer dejjem. Fl'akua ta din it-takbida, tolktu balla f'dahru minn fuk gifen franciż. Nelson uaka'għall uiċċu fuk il cverta. Resak il captan Hardy, u dac kallu: " Għamluhieli fl'aħħar!... " Hardy uieġbu: " Ma nemminx! " Nelson ràġa kallu: " Iva, għamluhieli; il balla għaddietli m'is-sinla ta dahri. " Niżżluh isfel. Uara ftit, Hardy niżel magenbu; Nelson

ħâdlu b'îdu u staksieh: " Chif aħna sejjrin? " Dac iuieġbu: "Tajjeb ; ħàdna għaxar ġfien franciżi. " U Nelson kallu: "F'ħajjet Alla, Hardy! Jien ser immut." Dac ħallieh; u uara siegħa ràġa niżel biex jara chif inhu, u tah l'aħbar li il għaxar gfien saru ħmistax. Nelson kâl daun il chelmiet, l'aħħar ta ħajtu: " Niżżiħajr l'Alla, Hardy! (*u kabadlu îdu*) Ħaġa nitolboc, la tixħtunix il baħar... Bûsni, Hardy! (*u dac biesu*). Issa f'sicti! Alla iħallsec... Niżżiħajr l'Alla li għamilt dac collu li chelli nagħmel ! " U mjet. L'Ingliżi rebħu bil ħîla tiegħu, u ir-rebħa ta Nelson ħelset l'Ingliterra mill egħdeuua tagħha.

## XXXI.

### Zmien Bonaparti

Ħàbta tal aħħar snîn ta's-seclu tmintax, u seuseuu fl'1789, nkalgħet burraxca kauuija fuk Franza: *ir-rvell!* In-nies ħżiena ta Franza kâmu għall għonja, u ħaduha contra is-slaten u contra Alla. Ma riedux jafu iżjed b'Alla l'imbierec; lil għonja serkulhom gîdhom, u lil msejchen sultan tagħhom, Uigi XVI, katgħulu rasu. Riedu li colħadd jifhimha bħalhom, nchella il meut!

It-tagħlim mgħauueġ tagħhom għoġob lil bosta uħud; u f'coll saltna cont issîb mîn iżomm magħhom il Franciżi. Fl'Ingliterra, l'akua uieħed minn daun in-nies chien Fox (*Focs*). Lord Holland, li gibed bosta

nies miegħu. Uakaħu dac Guljermu Pitt li semmejtilcom, u bèda jaħseb chif jingħakad mal bkija tal Europa biex jilka' lil uied tal ħażen li chien ħiereġ minn geuua Franza. Dil għakda saret, għax Franza chienet thedded lil colħadd. Bil ftit il ftit, is-saltniet collha tal Europa uakgħu taħt il Franċiżi; l'Ingliterra uħidha bakgħet iżżommilha, ma tridx tâf b'tisuija.

Dan it-taħuid ta Franza u it-telfa tal Amerca, sfau xi gîd lil nsara tal Ingliterra. Sal 1778, l'insara chienu għâdhom maħkurin, l'actar il kassisin: mîn iħarrec uieħed minnhom, jakla mitt lira! Fl'Irlanda, mbagħd, ma ngħidu xejn! Iżda, il Gvern, biex ma igherrixhomx bħalma chien gherrixhom fl'Amerca, bèda jierħilhom xi ftit: jecc m'hux ħaġ'oħra, għaddiet ligi illi l'insara jistgħu jirtu ràba u bìni.

Lil x'uħud ma għoġobhomx: Lord Gordon xeuuex il protestanti għall nsara; u l'egħdeuua damu gimgħa ineżżgħu u jaħarku il cnejjes tal nsara. Il gvern ma għarafx x'jakbad jagħmel; katagħha is-sultan Ġorġ it-Tielet: " Agħmlu in-nâr fukhom! " Daks sitt siegħât uara, rakad collox; imma, mietu sitt mitt ruħ! L'insara ħadu ir-ruħ; bdeu jaħdmu, jaħdmu, sachemm mal ħamsin sèna uara, daun il ligijiet tneħħeu. Gîd ieħor chien, li bosta kassisin u iskfijiet franċiżi maħrubin minn Franza, marru jistchenneu fl'Ingliterra, u l'Ingliterra lakethom: dan xerred fukha il ħniena u il barca t'Alla.

*(Bosta Patrijiet u Sorijiet fi żmienijietna marru l'Ingliterra minn Franza mnejn ħtigilhom jitilku għaliex ma reduhomx actar; u dan l'aħħar, bosta oħrajn ngabru hemm mill Portugall, fejn għamlu għalihom bl'icrah).*

Iżda, l'Ingliterra chien għâd bakegħlha x'taksam ma Franza. Napuliun Bonaparti mueled Corsca, minn fizzjal tal artillerija, chien talagħ sa laħak general fuk colħadd. Fl'1798 telak bi flotta kauuija għall Egittu; u chif chien nieżel, għadda Malta u ħadha minn taħt idejn l'Ordni ta San Ġuann. Aħna bkajna nsemmuh żmien il Franċiżi, u għandna għaliex ma ninseuhx. L'Egittu chien hemm Lord Nelson jittennih bil flotta ingliża fil port ta Abukir. Hemm saret taktiegħa, u mill iġfien franċiżi, bilchemm erbgħa ħarġu b'uiċċ il gîd. Uara din *ta'n-Nîl*, reġgħu tau xebgħa f'*San Ġuann ta Acri;* haun Bonaparti kalagħha minn għand Sir Sidney Smith, armirall ingliż.

Dil ħàbta, il Maltin, maħkura mill Franċiżi, kâmu għalihom; u billi l'egħdeuua tal Franċiżi chienu ħbieb mal Ingliżi, l'Ingliżi geu haun igħinu lil misserijietna; sachemm il Franċiżi, magħlukin geuua is-suar tal Belt, għafashom il guħ u fl'aħħar ħtegilhom jitilku minn Malta. Ix-xjuħ tagħna għâdhom isemmuh żmien *l'imblocc*, u il Maltin ma tista tinsieh katt dac iż-żmien kalîl, kalîl bosta!

Fl'1804 Bonaparti sâr sultan tal Franċiżi, ħa l'isem ta *imperatur*, u il Papa Piu is-VII xeddlu il curuna. Serraħ il Franza mill ktil u uakkaf ir-religion nisranija, u dan chien gîd; iżda, mbagħd, ried jieħu l'Europa collha taħt idejh. Gieb f'ix-xejn il kauua tal Austrija u tal Prussja. Ankas lil Papa ma ħafirha: ħâdlu is-saltna tiegħu, u sâr sultan tal Italja. Ma chienx biżżejjed: kabad il Papa taħt idejh u ħadu pirġunier fi Franza. Rebbieħ minn colħadd, tilef biss mal Papa, għaliex il Papa ma rħielux; u tilef mal Ingliterra, li chissritu fuk il baħar bil ħîla ta Nelson.

Nelson chellu miegħu bosta baħrin irlandiżi nsara li giebu ruħhom tajjeb ħafna ; Nelson, ta ragel li chien, faħħarhom, u dan suielhom uisk.

Daks chemm Nelson chien jinkàla għall baħar, chien jisua għall art Sir Arturu Wellesley, li il kuddiem laħak Duca ta Willington. Rebbieħ fuk xatt id-Douru u f' Talavera, fl' 1810 ħàrrab il Franċiżi minn Portugall, u ħareġ rebbieħ minnhom fli Spanja. Is-saltniet tal Europa stembħu u kâmu għallenija għall Franza. Bdiet ir-Russja, is-sèna 1812. Bonaparti ġàbar miegħu nofs miljun mill akua żagħżagħ tal Europa u gibed lejn Moscovja. Fil uakt, Wellington rħielha għall fuk Franza, u rebaħ f' it-takbidjiet ta Salamanca, Vittoria, Pirenej u Tolosa. U Bonaparti ? Is-silġ u il bard ta'r-Russja, ħarbtulu is-suldati ; l' azzarini bdeu jakgħulhom mn'idejhom chif chien kallu il Papa Piu VII lil Bonaparti fuk li ħarbat il Cnisja.

L'Ingliterra żammet jiebes ; nefket miljun lira biex uakkfet is-suldati ta'r-Russja, ta li Svezja u tal Prussja, li chienu ħaġa uaħda magħha : geu il coll fl'idejn mal Franċiżi, tauhom xebgħa f'Lipsja, fejn Bonaparti tilef ; daħlulu f'Parigi, u lilu itturufnauh fil gżira tal Elba, krîb mill Italia.

L'Inglizi, sa haun, chienu bakgħu f'Malta ; iżda, Malta chienet għâdha ma hix tal Ingliterra. Fl' 1815, saret làkgħa fil belt ta Vienna, biex is-slaten jiftiehmu bejniethom fuk il kasma tal artijiet tal Europa : dan l'igħidulu il *Congress ta Vienna.* Fih ftiehmu li Malta u Għaudex jibkgħu għall Ingliterra, chif ifissru dauc il chelmiet bil latin li għâdcom tistgħu takrauhom fuk il *Mainguard*, il Belt : " *L'imħabba tal*

*Maltin u il ftehim ta bejniethom is-slaten tal Europa, reduhom daun il gżejjer jibkgħu f'idejn il Britannja ir-rebbieħa.* MDCCCXV. "

Fl'aħjar ta dil ftehima, Bonaparti ħarab u règa daħal Franza. In-nies daret għall miegħu, u is-sultan Uigi it-XVIII ħtieġlu jaħrab. Arġa ati mill ġdîd! Bonaparti xteħet fuk il Belġu ; iżda, bla telf ta żmien xejn, Wellington telak b'in-nies tiegħu jingħakad mal Prussiani, li chellhom Blucher general tagħhom. L'egħdeuua ltakgħu nhar is-16 ta ġunju : jumejn uara, dan Bonaparti u Wellington sabu ruħhom uiċċ mb'uiċċ f' Waterloo. Takbida chiefra : għall tminn siegħât tau bla ħniena, sa uasal Blucher b'in-nies tiegħu, u il Franciżi marru minn taħt. Bonaparti ħarab lejn Parigi u colħadd għall urajh. Ftit iġmiegħ uara, telak ruħu f'idejn l'Ingliżi, u daun bagħtugħ fil gżira ta Santa Liena, bejn l'Affrica u l'Amerca, u fukha Napuliun Bonaparti temmieha ħajjtu nhar il 5 ta mejju 1821. L'Europa strieħet minnu, u għall erbgħin sèna ħadd ma tħarrec.

## XXXII.

### Wellington

Dan il general, chien mill akua nies li tuieldu fl'Ingliterra : kalbieni, għakli, mixgħul bl'imħabba ta

pajjiżu. Għâdni chemm semmejtulcom u nistħajjilcom tixtieku tafu xiħaġa fuku.

Tuieled fi'Irlanda; chien jismu Arturu Wellesley. Ma'ż-żmien, laħak Duca ta Wellington, u lakkmugħ id-Duca *tal Hadid*, għall kauua tiegħu. Tgħallem l'armi fl'Ingliterra u fi Franza: fejn katt setgħu jobsru l'imgħallmin tiegħu il franċiżi li dan chellu għâd jirbaħ l'akua generali li chellha Franza!

Uèra il kauua tiegħu fl'Indja u fli Spanja; iżda, l'actar, f'Waterloo, fil Belġu. Hua u sejjer hemm b'in-nies tiegħu, Bonaparti chien kâl: "Nifraħ li ser nkejjes ix-xâbla tiegħi ma ta Wellington!" U meta sâb ruħu uiċċ mb'uiċċ miegħu, għaliex Wellington firex is-suldati fuk għolja, Bonaparti règa kâl: "Daħal ġo'n-nassa; tiegħi hu!" Imma, fallielu.

It-18 ta ġunju tal 1815, Nhar ta Ħadd fuk ofsinhar, il Franċiżi fetħu in-nâr tal canuni għall fuk l'Ingliżi, u dejjem reskin għall fukhom, uakt li Wellington b'in-nies tiegħu, ireġġgħuhom l'ura. Nâr il Franċiżi uakka' bosta Ingliżi, u Wellington tisimgħu igħàjjat: "Imleu il fieragħ!" u malli jakagħlu suldat ta kuddiem, jiersak sieħbu minn ta urajh, biex il għàdu ma jicsirlux il *castell* li hu uakkaf b'is-suldati tiegħu. Haun tersak il Franċiżi b'iż-żujemel imlebbta; imma, isibu sûr tal azzâr, u ireġġgħu l'ura mħarrbtin b'in-nâr jeu bil baljuletta.

Wellington, riecheb fuk iż-żiemel, jilħak ma colħadd, ikauuilhom kalbhom l'in-nies tiegħu: "Uliedi, ara xiħadd minncom jitħarrec! Żommu dejjem, rgiel! Ftacru f'pajjiżna, u ara ma nerħulux lil għàdu!" U xìta balal issaffar maduaru. Is-suldati riedu li jitlakhom għall fuk il Franċiżi: "M'hux uakt, uliedi;

stenneu ftit ieħor!" Ħabtu jaktgħu kalbhom dakxejn uaħda x'ħin rau xi generali tagħhom jakgħu mejjtin: "Ara tibżgħu!..." kalilhom. "Daluakt nirbħu!"

Ix-xemx bdiet tgħib, u Bonaparti ressak riġment li ħadd chien għâdu ma rebħu, biex bih ichisser l'Ingliżi. Wellington, x'ħin lemaħhom sejjrin għall fuku, deher jittenniehom uaħdu ma erba' fizzjali, għaliex chien ħèba riġment taħt ħajt. X'ħin deherlu, għajtilhom: "Kumu u xteħtu fuk f'egħdeuua!" L'Ingliżi fetħu in-nâr fuk il Franciżi, u bakgħu irossu fukhom sachemm laħkuhom bil baljuletti, u ħarrbuhom, u kàtlu bosta minnhom. Xteħtu, mbagħd, il coll għall fukhom, u saret taktiegħa bla ħniena; u hemm ntemmet il kauua ta Bonaparti.

## XXXIII.

### Sir Isaac Newton

Sejjer issa nsemmîlcom uieħed mill akua rgiel li katt chellha l'Ingliterra. Chien cbir, iva, m'hux għax kered l'egħdeuua tagħha, jeu għax rebħilha xi artijiet; iżda, għall għerf u it-tieba tiegħu.

Dac chien Isaac Newton (*Ajżak Njuton*). Tuieled f'Woolstharpe is-sèna 1642. Meta mietlu missieru, chien għâdu dakxejn ta tfajjel; iżda, ommu ħadet ħsieb rabbietu tajjeb. Minn cmieni ħasbitlu għa't-

tagħlim, u għadda il kuddiem l'actar fil *Matemâtca*. Moħħu chien jatih uisk għall dan it-tagħlim sabieħ ; u bil għakal tiegħu u daks chemm ħàbrec, sebak f'dan it-tagħlim lil mîn chien igħallmu. Fi żmienu, chienu jafu, bejn uieħed u ieħor, li il għajn tara għaliex tara, bla ma jafu igħidulec chif u il għaliex. Imma, Newton kâl : " Għaliex tara ? " U aħseb, u tchixxef, u stħarreġ u ġarrab b'*lenti* ta'ż-żġieġ, u agħlak u jiftaħ, sâb chif inhi magħmula il għajn tal bniedem, sâb chif fiha jidħol id-daul, chif ix-xbiha tal ħuejjeġ tidħol mill ħabba tal għajn u tibka sejjra sa geuua, u chif jaħdmu in-nervi, ir-riti u l'ilma li għandna fiha. Din hïa l'*Ottica*, jeu it-tagħlim ta chif narau. Dac li jafu il-lum fuk dan it-tagħlim, nistgħu ngħidu li nafuh minnu, għâd li dan it-tagħlim, dejjem actar bakagħ sejjer il kuddiem.

Ħaġa tkabbdec oħra. Semmejt il *lenti*, jiġifieri dac iż-żġieġ ta't-trombi, għamla ta għazza ; għax, *lenti* tfisser għazza. Ma ngħidilcomx chemm ħaseb u ħadem Newton fuk il lenti, u chemm il għamla ġarrab, u chemm ressak u biegħed. Moħħcom mâr f'it-trombi, nistħajjel : u hecc hu. Iħares b'it-trombi : lejniex ? Lejn is-sèma ; u ma ngħidilcomx chemm cuiecheb lemaħ fil bogħod, li bil għajn ma narauhomx. Dan chien kàsam ġdid għall Newton : u l'*Astronomija* jeu it-tagħlim tal cuiecheb, għaddiet uisk il kuddiem uara dac li chixef hu.

Haun suietlu uisk ucoll il Matemâtca, li tgħallem il chemm, id-daks, it-tokol u il mìxi ta colma narau. Nieħdu ix-xemx bil *pianeti* u il *comèti* l'iduru madua-rha. Newton kâl : " Jecc dil *pianeta* hi cbira daks hecc, mela, tinsâb bgħid daks hecc m'ix-xemx u imis-

sha tiġri daks hecc f'is-siegħa. Jecc, mela, tinsâb bgħid daks hecc m'ix-xemx u tiġri daks hecc, il còbor tagħha imissu daks hecc.

Ħalli ngħidilcom x'chien li fetaħlu moħħu għall dal għerf lil Newton. Is-sèna 1665 daħlet il pesta f'Londra; u hu ngàbar f'dakxejn ta dâr li chellu f'Woolsthorpe. Chien is-sajf, u lejla uaħda chien il kàmar cuinta u chienet il għomma. Newton xteħet fil ġnien taħt siġra ta't-tuffiħ. Chif nzerta uiċċu il-fuk, uakgħet tuffieħa u giet fuk ġbinu. Ndehex, u kâi b'iċ-ċajt: " Ħsibt illi uaka' il kàmar fuk ġbini! " u ġħaddiet. Reħa ftit, u kâl: " Coss, stenn, stenn! jien għidt bluha. Hua il kàmar jista jakagħ? U x'jigifieri jakagħ? " Lakka' il għerf tiegħu mal għerf tal oħrajn, u sâb b'liema kies Alla l'imbierec kassam il ħulkien tiegħu, mill iżgħar duda li titħarrec fl'art sal akua cheucba li tiddi f'is-smeuujiet.

Għandcom tafu li dan Newton, f'colma chien jagħmel u jaħseb, chien ikîs li jati gieħ l'Alla, għall għerf u is-setgħa tiegħu. Dan il bniedem daks chemm chien għaref, dakshecc ieħor chien jistkarr li uisk ftit jista jagħraf il bniedem. Chien jieħodha ma mîn ma jiemminx il ħuejjeġ t'Alla ; u chien, meta jisma bl'Isem mkaddes tiegħu, ikum bil uiekfa, u iniżżel rasu b'kîma cbira.

Bil għerf u il għakal tiegħu, Newton ogħla uisk. Fl'1695, laħak câp ta'ż-*Zicca*, ta fejn jistampau il flûs. Chien midħla ta's-slaten ta żmienu; u ir-regina Anni, fl'1705, għamlìtu cavalier. Chien maħbub minn colħadd għall ħleuua u it-tieba tiegħu. Mjet ta tmenin sèna (1727) u difnuh f'Westminster, fejn jindifnu is-slaten u in-nies il cbâr tal Ingliterra.

## XXXIV.

### L'Aħħar Zmenijiet

Giorġ *it-Tielet* mjet ta 82 sèna fl'1820, uara li chien îlu sultan sittin sèna. Dan chien jibża mn'Alla, u chien ragel ta chelmtu. Lil nsara, iżda, ma serraħhomx biex bħallichiecu ma jicsirx il ħalfa li chien għamel meta laħak sultan tal Ingliterra.

Giorġ *ir-Raba'* mjet fl'1830. Dan, ulied ma chellux, u laħak urajh Guljermu *ir-Raba'*, duca ta Clarens. Dan mjet uara seba' snîn; u billi ankas hu ma ħalla ulied, laħket Vittoria, bint ħuh Duardu, id-duca ta Kent, f'ġunju tal 1837.

Fl'aħħar sèna ta ħajjtu (1829), Giorġ ir-IV radd lil nsara il ħkûk tagħhom; ħàbat irid iżomm jiebes bħall missieru; iżda, bażagħ illi l'Irlanda tkumlu.

Daniel O'Connel, irlandiż, ħadem uisk biex l'insara jakelgħu li kalgħu, uakt li id-duca ta Wellington, protestant, għamel li satagħ biex ifixclu u l'insara jibkgħu fejn chienu. Il-lum, l'insara mchien ma kegħdin tajjeb daks chemm taħt l'Ingliterra.

---

Sa haun li "*Storia tal Ingliterra*" li chiteb Preca, u haun niekfu aħna, biss nżidu l'aħħar chelma ta Preca u miegħu ngħidu aħna : "Jalla din ir-rabta lejn l'Ingliterra u Malta tibka għal dejjem !"

## Fuk il

# Cotba tal Moghdija ta'z-Zmien

Fost l'ittri li jaslulna fuk daun il Cotba, uaħda minnhom tgħid hecc: " Xeukti hia, chif għandec f'idejc ħaġa tant tajjba, il *Cotba tal Mogħdija ta'z-Zmien*, ma tistax thennina billi drabi tatina nakrau xi ġàbra ta' takbil sabieħ, bħalma ġa tajtna *Il Gifen Torc*, il ġmiel tiegħu! *Tobija*, sabieħ; u l'haun u l'hinn xi takbil ieħor bħalma huma ta Preca, ta Buhagiar, Camilleri, u xi ħrafa ta Vassall? Fejn hua il bkija tagħhom? Ħrejjef u takbil sabieħ tant! Għaliex il ħuejjeġ sbieħ għandhom jintilfu, ħuejjeġ li igħaxxku bla ma iħassru? Idħol għaliha int din il ħaġa u is-seħħlec tas-seuua. "

Ħaddieħor jixtiek il " *Għerf bla Mictub* " ta Patri Manuel Magri, giżuita, jinġàbar fi ctieb uieħed.

Oħrajn iridu chiecu li jierġgħu joħorġu il cotba ta kabel, għaliex ma laħkux xtrauhom, u issa bakgħu mingħajrhom, u iridu jitħâbtu ħafna biex jiddubbau xi uieħed li jonkoshom!

Minn għalina, irridu chiecu naktgħulhom xeukit-hom ilcoll; imma chif jista icun? Dan l'aħħar, ħareġ in-*Nichet u Ferħ*! ta G. Mifsud Bonnici. Imissu jin-ħataf daks chemm hu sbejjaħ! ħriġnih f'ir-Randan, billi fuk il Passioni u il Meut ta Sidna Geżù Cristu, u ħsibna li sa Ħadd-il-Għid ma icunx bakagħ actar minnu għal beigħ. It-takbil ta Duardu Cachia, uegħ-duhulna; imma, għâdna nittenneuh.

# Cotba tal Moghdija taz-Zmien

Il **Cotba Nru. 107 u Nru. 108** bi ħsiebna noħorguhom flimchien, billi icunu l'*Euuel u it-Tieni taksima* ta xogħol uieħed. U billi it-Tieni Taksima ta dan ix-xogħol, għâdha f'idejn li stampatur, ħrigna il **Ctieb Nru. 109** biex ma nħallucomx tistennewh, la darba lest.

◎ ◎ ◎ ◎

**In-Nru. 109 issibu fih**

## IL KASSATA TAL MILIED!

◎ ◎ ◎ ◎

Biex daun il *Cotba tal Moghdija taz-Zmien* jimxu actar il kuddiem u jagħmlu xi ftit tal gîd, jinħtegilhom il għajnuna ta mîn jagħmel id-dmîr tiegħu biex igħarrafhom lil ħbieb; billi uieħed jixtri minnhom b'it-tużżani minn għand il Librar Ġanni Muscat, *ta kuddiem il Posta il kadima*, il Belt, jeu minn għand il Librari l'oħra li għandhom minnhom, u mbagħd ikassamhom lil mîn ma jistagħx jonfokloc dauc it-tlet soldi mħabba l'għaks li aħna fih; u hecc, barra milli b'din l'għajnuna jixterrdu uisk iżjed, jaħdmu actar bil ħajra dauc li għall mħabba tagħcom jieħdu ħsieb jictbuhom, daun il

**Cotba tal Moghdija ta'z-Zmien.**